MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 525/2016 LM

**Raymond Grasso (K.I. 424453M)**

***vs.***

**Methode Electronics Malta Limited (C 664)**
**u**
**HSBC Life Assurance (Malta) Limited (C 18814)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-30 ta' Ġunju, 2016 mill-attur **Raymond Grasso** (K.I. 424453M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent kien oriġinarjament impjegat mal-kumpannija Hetronic Malta Limited (dak iż-żmien bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpannija C16025) illum MH Malta Limited (C 16025) mill-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) kif jirriżulta minn Dok. A anness, b'dan illi eventwalment l-impjieg tiegħu ġie jaqa' taħt il-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited kif baqa' sal-15*

*ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) speċifikament mad-diviżjoni tal-Hetronic Malta li ġiet tifforma parti mill-kumpannija konvenuta;*

2. *Illi inizjalment l-impjieg tal-esponent kien dak ta' Purchasing Executive u sussegwentement bħala Logistics Manager u eventwalment bħala Group Strategic Sourcing Manager b'diversi responsabbiltajiet konnessi b'mod partikolari iżda mhux limitatament, mal-akkwist (material calling), loġistika, ħażna u awditjar ta' materja prima li tuża l-istess diviżjoni tal-Hetronic Malta (kif ukoll f'impjanti oħra miżjud ma' dak lokali fosthom fl-Italja, fl-Asja u fl-Amerika) għall-produzzjoni tal-oġġetti manifatturati minnha inkluż riċerka ta' fornituri (suppliers) ġodda, formazzjoni ta' fornituri magħżula (supplier development) kif ukoll cost saving projects u project management relattiv, kif ser jiġi spjegat f'aktar dettall matul il-mori ta' din il-kawża;*

3. *Illi x-xogħol tal-esponent kien wieħed ta' responsabbilità konsiderevoli li kien jirrikjedi impenn kbir u attenzjoni konsiderevoli stante n-natura komplessa tal-oġġetti li kienu jiġu negozjati u akkwistati minnu kif ukoll minħabba l-ispejjeż kbar li l-akkwist tal-materja prima mixtrija kien jinvolvi – ċirka tmintax-il miljun Euro (€18m) fis-sena;*

4. *Illi l-esponent rikorrent kien jagħmel dan ix-xogħol b'impenn kbir u b'lealtà kbira lejn il-kumpannija konvenuta b'sagrifiċċji personali għalih, għal saħħtu u għall-familja tiegħu b'mod partikolari meta dan ix-xogħol kien jinvolvi wkoll vjaġġar lejn diversi pajjiżi Asjatiċi u fl-orjent fosthom Ċina, Filippini, Singapore, Japan, Taiwan u Hong Kong fuq bażi regolari kif ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża;*

5. *Illi għal dan ix-xogħol li kien jagħmel l-esponent kien jitħallas salarju li kien jiżdied mal-mogħdija taż-żminijiet f'uħud mill-okkażjonijiet meta kienu jiżdiedu wkoll ir-responsabbiltajiet tiegħu kif fil-fatt seħħ anqas minn sena u nofs wara l-bidu tal-impjieg tiegħu meta huwa kien ingħata promozzjoni għal Logistics Manager fis-sena 2002, kif jirriżulta minn Dok. B. Sussegwentement huwa ingħata promozzjonijiet u żidiet oħra fil-paga oħra mingħajr però ma kellu kuntratt addizzjonali ieħor bil-miktub;*

6. *Illi però l-paga tal-esponenti baqgħet tiżdied maż-żminijiet, kif fil-fatt jista' jirriżulta mill-FS3 tal-aħħar sena sħiħa tal-impjieg tiegħu fit-2013, bil-paga bażika tiegħu gross kienet ġiet ekwivalenti għal sebgħa u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u ħamsin Euro (€47,557) kif jirriżulta mill-kopja tal-istess FS3 annessa bħala Dok. C fis-sena filwaqt li s-sena ta' qabel (2012) kellu paga gross ta' sebgħa u erbgħin elf, erba' mija u tmintax-il Euro (€47,418) kif jirriżulta minn Dok. D anness;*

7. *Illi fl-aħħar sena ta' impjieg tiegħu, li ma kinitx sena sħiħa ta' impjieg, l-esponent spiċċa b'paga bażika mensili (gross) li kienet tlaħħaq sa erbat elef, mija u sebgħa u tmenin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu mensili (€4,187.24), kif jirriżulta mill-payslip tax-xahar ta' Marzu 2014 (annessa bħala Dok. E) filwaqt li x-xahar sussegwenti l-paga mensili (gross) tiegħu kienet ekwivalenti għal erbat elef u sitta u sittin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€4,066.11) kif jirriżulta minn Dok. F annessa;*

8. *Illi flimkien ma' dan is-salarju l-esponent kien ukoll jirċievi performance bonus kif jista' jiġi kkonfermat mill-kopji tal-FS3 annessi li jindikaw fringe benefits sostanzjali li kienu kalkolati bħala persentaġġ ta' mhux aktar minn sebgħa fil-mija (7%) fuq cost savings li huwa jkun irnexxielu jagħmel għall-kumpannija konvenuta grazzi għall-ħidma tiegħu bħala tnaqqis fl-infiq li jkun irnexxielu jġib fl-ispejjeż tal-akkwisti magħmula minnu għall-istess kumpannija li jkunu aqwa mit-targets li l-istess kumpannija kienet tkun preċedentement impustat għas-sena jew perijodu partikolari. L-esponent kien jingħata dan il-performance bonus b'mod konsistenti kif jista' jiġi kkonfermat minn Dok. G1 sa G4 li jikkonfermaw li fost l-oħrajn l-esponent ingħata dan il-bonus għal erba' snin wara xulxin bejn is-sena 2011 u s-sena 2014;*

9. *Illi minkejja li l-esponent kien dejjem jagħmel xogħlu b'mod diliġenti u dedikazzjoni, lejn l-aħħar snin tal-impjieg tiegħu mal-kumpannija konvenuta huwa beda jsib ruħu rinfaċċjat b'kundizzjonijiet ta' xogħol stressanti inkluż minħabba l-atteġġjament, indħil, bullying tactics jew manuvri oħra li huwa seta' jsofri minn numru ta' persuni oħra impjegati mal-istess kumpannija konvenuta b'mod partikolari ċertu Charles Caruana, Rudolph Borg Myatt u Ken Brack mingħajr ma ingħata l-protezzjoni li huwa kien jistenna mingħand il-kumpannija konvenuta ma' min huwa kien impjegat, kif ikun jista' jiġi spjegat f'aktar dettall matul il-mori ta' din il-kawża;*

10. *Illi rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, l-esponent baqa' jagħmel l-almu tiegħu fil-qadi ta' dmirijietu sakemm is-sitwazzjoni hawn fuq imsemmija kkontribwiet ukoll għall-problemi ta' saħħa konsegwenzjali tiegħu sofferti wkoll minħabba l-iskariġġ tal-ivvjaġġar fuq xogħol li kien ikollu u raġunijiet oħra imputabbli għall-kundizzjonijiet ta' xogħol tiegħu. Minħabba dan kollu l-esponent spiċċa f'kundizzjoni li ma kienx qed jiflaħ aktar imur għall-impjieg tiegħu u b'hekk ħassu li kien spiċċa intortament mingħajr għażla oħra ħlief li jikkontempla kontra qalbu, early retirement sfurzat minħabba dan kollu hawn fuq imsemmi. Dan minkejja li l-esponent li kieku ma sabx ruħu rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha, seta' faċilment jibqa' jaħdem mill-inqas sena oħra qabel ma jirtira, kif ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża. Konsegwentement huwa spiċċa*

*għaldaqstant isofri danni ekwivalenti għal telf ta' paga u performance bonus li huwa kien jipperċepixxi li kieku baqa' jaħdem;*

11. *Illi wara dan kollu, meta l-esponent mar sabiex jinforma lill-managing director tiegħu Joseph E. Khoury bid-deċiżjoni sfurzata li kien ġie sfurzat jieħu, ġiet mogħtija lilu l-indikazzjoni li l-kumpannija konvenuta, minkejja li ma kienet tatu ebda appoġġ għal dak kollu ilmentat minnu meta kien għadu fl-impjieg tiegħu, xorta waħda fl-istess ħin xtaqitu li jipprovdilha servizzi ta' konsulenza bl-intiża li jiġi kkumpensat għal tali servizzi. Din ir-rikjesta saret bħala konferma ta' kemm l-esponent kien tassew jagħmel xogħlu b'mod diliġenti u professjonali u kien għalhekk li l-kumpannija konvenuta talbitu li jibqa' jipprovdi konsulenzi. L-esponent min-naħa tiegħu aċċetta li jagħti dan iċ-ċans anki b'rispett lejn is-superjur tiegħu;*

12. *Illi kif jista' jirriżulta mill-formola ta' terminazzjoni ta' impjieg tal-esponent annessa bħala Dok. H, l-impjieg tiegħu mal-kumpannija konvenuta ġie fil-fatt itterminat fil-15 ta' Ġunju 2014 bir-raġuni ta' tmiem mogħtija tkun dik ta' retirement age meta effettivament kien għad fadallu sena xogħol, u meta il-veri raġunijiet li wasslu għat-tmiem tal-impjieg tiegħu kienu dawk riferibbli għall-kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol li huwa spiċċa jsofri minnhom u d-debilità ta' saħħa konsegwenzjali kif hawn fuq spjegat. Tant hu hekk li kieku ma kienx għal dawn il-fatturi, l-esponent kien ħerqan li jibqa' jaħdem anke oltre l-età tal-pensjoni tiegħu kif seta' faċilment jagħmel li kieku ċ-ċirkostanzi ma kinux dawk li kienu - kif ikun jista' jiġi spjegat matul il-mori ta' din il-kawża;*

13. *Illi minkejja dan it-tmiem sfurzat tal-impjieg tiegħu, l-esponent, anke jekk bi sforz kbir minħabba l-kundizzjoni ta' saħħa tiegħu, hekk kif kien mitlub, kien baqa' xorta waħda jipprovdi konsulenzi mid-dar tiegħu permezz ta' korrispondenzi, kuntatti u rapporti li kien jipprovdi, flimkien ma' xi laqgħat li kellu fl-uffiċċji tal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited għal perijodu ta' circa xahrejn, kif ser jirriżulta f'aktar dettall permezz ta' spjegazzjonijiet u dokumentazzjoni li ser jitressqu matul il-mori ta' din il-kawża;*

14. *Illi grazzi għal dawn il-konsulenzi, l-esponent jikkalkula li din il-kumpannija konvenuta kienet ser tkun qed tibbenefika minn cost savings ta' circa miljun u nofs Euro (€1,500,000) għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati matul il-mori ta' din il-kawża;*

15. *Illi eventwalment, l-esponent reġa' sab ruħu f'sitwazzjoni li kellu jieqaf jipprovdi l-konsulenzi tiegħu lid-diviżjoni tal-Hetronic Malta fi ħdan il-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, kemm minħabba l-atteġġjament muri lilu*

*minn ċertu persuni fi ħdan il-kumpannija konvenuta (b'mod partikolari minħabba l-imsemmi Charles Caruana ma' min huwa kien intalab li jibqa' jikkoordina minkejja li dan kien l-istess persuna taħt min l-esponent spiċċa vittma ta' atteġġjament ħażin u bullying waqt l-impjieg tiegħu kif diġà aċċennat), kif ukoll minħabba li l-kundizzjoni ta' saħħa tiegħu li baqgħet sejra aktar lura proprju minħabba t-trattament li huwa sofra u minħabba l-atteġġjament muri lilu li baqgħet ma tippermettilux li jibqa' jiflaħ jagħmel ix-xogħol tiegħu mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, anki fuq din il-bażi ta' konsulenza aktar u aktar meta prattikament kienet spiċċat tokkupah daqs li kieku kellu xogħol ta' full-time;*

16. *Illi fil-frattemp, l-esponent kien għadu ma rċieva ebda kumpens għall-konsulenzi kollha pprovduti minnu minkejja l-intiża li huwa ovvjament jitħallas għas-servizzi li huwa kien ipprovda lill-istess kumpannija, kif diġà spjegat;*

17. *Illi meta l-esponent sab ruħu f'din is-sitwazzjoni huwa bagħat ittra indirizzata lil Joseph E. Khoury fi ħdan l-istess kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, datata fl-20 ta' Ottubru 2014 hawn annessa bħala Dok. I permezz ta' liema huwa kien infurmah li huwa ma kienx ser jaċċetta l-offerta li kienet magħmula lilu biex jibqa' jservi bħala konsulent filwaqt li talab sabiex jiġi kkumpensat;*

18. *Illi permezz ta' ittra mibgħuta mill-imsemmi Joseph E. Khoury lill-esponent datata 30 ta' Ottubru 2014 hawn anness bħala Dok. J, l-esponent ġie infurmat illi l-kumpannija konvenuta ma kinitx ser tagħti aktar konsiderazzjoni għal din il-kwistjoni;*

19. *Illi fil-fatt il-kumpens mitlub mill-esponent baqa' qatt ma ngħata minkejja t-talbiet li kien għamel f'dan ir-rigward biex b'hekk l-esponent mhux biss spiċċa intortament mingħajr impjieg iżda wkoll spiċċa mingħajr kumpens għall-konsulenzi li huwa pprovda lill-kumpannija konvenuta għal circa xahrejn wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu;*

20. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali Numru 2576/15 ippreżentata mir-rikorrent fil-konfront tal-kumpannija konvenuta fl-20 ta' Lulju 2015 (kopja legali hawn esebita bħala Dok. K), l-esponent talab lill-kumpannija konvenuta sabiex fost oħrajn tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tal-kumpens ġust dovut lilu għall-konsulenzi msemmija f'dan ir-rikors ġuramentat, b'riserva għal azzjoni ulterjuri għal danni konsegwenzjali sofferti minnu kawża tal-fatt li kellu jieqaf intortament mix-xogħol tiegħu, iżda l-istess kumpannija baqgħet inadempjenti;*

21. *Illi minkejja li sussegwentement l-esponent għamel numru ta' tentattivi oħra tramite r-rappreżentant legali tiegħu sabiex jitlob lill-istess kumpannija konvenuta tirrikonsidra l-pożizzjoni tagħha fir-rigward ta' dak mitlub sabiex jiġu evitati proċeduri ulterjuri fil-konfront tagħha, dawn it-talbiet ġew rifjutati u injorati mill-istess kumpannija konvenuta;*

22. *Illi fl-isfond ta' dan kollu jiżdied ukoll illi matul l-impjieg tiegħu mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited (C 664), l-esponent kien ġie infurmat permezz ta' ittra datata 2 ta' Lulju 2012 (kopja annessa bħala Dok. L), illi huwa kien ser jibda jkun kopert minn polza ta' Life Assurance;*

23. *Illi din il-polza ġiet iskritta mal-HSBC Life Assurance (Malta) Limited – Policy Number 600-000032 – u kif jirriżulta mill-ittra hawn imsemmija u mit-termini u kundizzjonijiet tal-istess polza (hawn annessi bħala Dok. M), din kellha l-intendiment illi tkopri lil kull min ikun assigurat taħt l-istess polza f'każ ta' mewt jew f'każ ta' Permanent Total Disablement (Accident & Sickness) jew Permanent Partial Disablement (Accident only) sas-somma ta' mitejn u ħamsin elf Euro (€250,000);*

24. *Illi meta l-esponent bħala persuna li ħassitha eliġibbli taħt l-istess Polza, sab ruħu fis-sitwazzjoni msemmija aktar kmieni fil-premessi ta' dan ir-rikors ġuramentat meta sab ruħu b'debilità ta' saħħa konsiderevoli u f'punt li fiżikament ma kienx jiflaħ aktar għax-xogħol minkejja l-isforzi kollha tiegħu, huwa dar fuq l-istess polza ta' Assigurazzjoni sabiex jingħata kumpens skont kif stabbilit minnha. L-esponent ressaq il-claim tiegħu inizjalment b'mod verbali waqt li kien għadu impjegat tal-kumpannija konvenuta Methode Electronics (Malta) Limited;*

25. *Illi eventwalment l-esponent, wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu kien mitlub mill-istess kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited taħt min kienet taqa' l-imsemmija Polza sabiex jipprovdi l-informazzjoni medika rilevanti fir-rigward ta' dak illi huwa kien qed isofri minnu, biex il-claim tiegħu tiġi pproċessata. Dettalji u dokumentazzjoni referibbli għal dan kollu ser jiġu ppreżentati matul il-mori ta' din il-kawża;*

26. *Illi permezz ta' ittra mibgħuta lill-esponent fit-2 ta' Marzu 2015 huwa ġie nfurmat mill-istess kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited illi l-claim tiegħu kienet qed tiġi rifjutata unikament stante li fil-fehma tagħha, il-kundizzjonijiet li l-esponent kien spiċċa jsofri minnhom ma kinux eliġibbli għall-kumpens li l-polza kienet intiża li toffri kif ser jiġi spjegat f'aktar dettall matul il-mori ta' din il-kawża;*

27. *Illi permezz ta' korrispondenza oħra skambjata bejn l-esponent u l-istess kumpannija konvenuta fix-xhur sussegwenti, ġie fost oħrajn indikat mill-esponent illi kuntrarjament għal dak li din il-kumpannija konvenuta kienet qed issostni, il-kundizzjonijiet mediċi li spiċċa jsofri minnhom l-esponent kellhom jitqiesu li huma koperti mill-istess polza. Minkejja dan il-fatt, il-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited baqgħet tinsisti li tiċħad il-claim imressqa mill-esponent. Dan kollu kif ser jiġi spjegat u dokumentat f'aktar dettall matul il-mori ta' din il-kawża;*

28. *Illi permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta mill-esponent kontra l-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited numru 3578/15 ippreżentata fis-26 ta' Ottubru 2015 din intalbet sabiex din tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens dovut lilu skont l-imsemmija polza ta' assigurazzjoni in konnessjoni mad-debilità ta' saħħa sofferta minnu li ppreġudikatlu l-ħajja lavorattiva tiegħu l-istess kumpannija rrespinġiet il-pretensjonijiet vantati kif jirriżulta mir-risposta annessa mal-kopja tal-ittra uffiċjali. Vera kopji taż-żewġ ittri jinsabu hawn annessi bħala Dok. N1 u Dok. N2);*

29. *Illi konsegwenza ta' dan kollu, l-esponent, minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena ta' impjieg u trattament daqstant ieħor ħażin li kkontribwew għad-debilità ta' saħħa konsegwenzjali sofferta minnu mhux biss spiċċa bl-impjieg tiegħu tterminat qabel ma dan xtaq, iżda wkoll spiċċa f'sitwazzjoni fejn ma ġiex imħallas għall-konsulenzi pprovduti minnu wara li ġie tterminat b'mod uffiċjali l-impjieg tiegħu. Fl-istess ħin, il-claim li l-esponent ressaq fil-konfront tal-Polza ta' Assigurazzjoni (Life Assurance) li kellu waqt l-impjieg u li suppost kellu jibbenefika minnha in konnessjoni mal-waqfien tal-impjieg tiegħu (ladarba waqfien mix-xogħol kien konness mad-debilità ta' saħħa sofferta minnu), ġiet ukoll miċħuda kif hawn fuq spjegat;*

30. *Illi l-esponent baqa' ma ngħata l-ebda kumpens għall-konsulenzi msemmija aktar kmieni f'dan ir-rikors ġuramentat, mogħtija wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu filwaqt li għadu jsofri sal-ġurnata tal-lum mid-debilità ta' saħħa permanenti kaġunata lilu minħabba l-kundizzjonijiet tax-xogħol u trattament ħażin li l-esponent safa vittma tiegħu waqt l-impjieg tiegħu mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited (C 664) tant li kien biss riċentement li bi tbatija kbira qed jirnexxielu (meta jirnexxielu) jokkupa ruħu bi ftit sigħat fil-ġimgħa ta' xogħol li fil-parti assoluta tiegħu jagħmlu mid-dar tiegħu stess;*

31. *Illi b'hekk, wara li l-esponent rikorrent baqa' ma ngħata ebda kumpens għal dak kollu li huwa jħoss li hu intitolat għalih, huwa ma kellu ebda għażla oħra ħlief li*

*jipproċedi b'din il-kawża kontra l-kumpanniji konvenuti għar-raġunijiet hawn fuq premessi.*

*Għaldqstant, in vista ta' dak premess u dak li ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża, jgħidu l-kumpanniji konvenuti għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited (C 664), għandha tikkumpensa lir-rikorrent għall-konsulenzi mogħtija minnu lill-istess kumpannija b'mod partikolari a favur tad-diviżjoni ta' Hetronic Malta li taqa' jew kienet taqa' taħt ir-responsabbilità tal-istess kumpannija, liema konsulenzi ngħataw għal perijodu ta' circa xahrejn wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu mal-istess kumpannija konvenuta u ċioe wara l-ħmistax ta' Ġunju 2014;*

2. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited (C 664) għandha tikkumpensa lir-rikorrent dak l-ammont dovut lilu bħala danni ekwivalenti għat-telf ta' paga u performance bonuses sofferti minnu bħala konsegwenza tal-fatt li ġie kostrett illi jieqaf mix-xogħol qabel l-età massima tal-pensjoni tiegħu u qabel ma huwa kien effettivament intenzjonat li jieqaf mill-istess xogħol li kieku ma kienx għat-trattament ħażin soffert minnu u debilità ta' saħħa konsegwenzjali li dan it-trattament ikkontribwixxa għaliha, liema danni l-istess kumpannija konvenuta għandha għaldaqtant titqies u tiġi dikjarata unikament responsabbli għalihom;*

3. *Tiddeċiedi u tiddikjara ulterjorment jew alternattivament għal dak hawn fuq mitlub li l-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited (C 18814) għandha tikkompensa lir-rikorrent għad-debilità ta' saħħa sofferta mill-esponent ai termini tal-polza ta' Life Assurance Policy Number 600 – 000032 a bażi ta' dak kopert mill-istess polza favur l-esponent in vista tad-debilità ta' saħħa lavorattiva sofferta minnu u fin-nuqqas, jew ulterjorment, tordna lill-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited (C 664) tikkumpensa lir-rikorrent għad-debilità ta' saħħa hawn imsemmija sofferta mill-esponent rikorrent;*

4. *Tikkwantifika u tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent mill-kumpanniji konvenuti fis-sehem rispettivi dovut minnhom individwalment jew solidalment skont il-każ, f'ammonti li jkun jidhrilha xierqa u opportuni tenut kont ta' dak kollu premess f'dan ir-rikors ġuramentat, dak mitlub fit-talbiet hawn fuq elenkati u dak li ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża inkluż bl-opera ta' Periti jew esperti oħra nominati minn din l-Onorabbli Qorti għal tali skop jekk tirriżulta din il-ħtieġa;*

5. *Tordna lill-kumpanniji konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jkun stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, iħallsu l-kumpens hekk likwidat favur ir-rikorrent skont is-sehem rispettiv u/jew solidali li jiġi deċiż li jkun dovut minnhom;*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali numru 2576/15 u 3578/15 kontra l-kumpanniji konvenuti rispettivi li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni, u bl-imgħaxijiet rispettivi li jkunu dovuti mill-għoti tal-eventwali sentenza.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Methode Electronics Malta Limited** (C 664) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta Methode Electronics"), li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Lulju, 2016, u maħlufa minn Peter Paris (K.I. 848253 M), għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

1. *Hu debitament awtorizzat li jirrappreżenta lill-intimati f'dawn il-proċeduri u li għandu konoxxenza ta' dak eċċepit stante l-kariga tiegħu ta' Segretarju tal-Kumpannija u Financial Controller;*
2. *Inkwantu għall-ewwel talba tar-rikorrent fl-ewwel lok ir-rikorrent irid iġib prova dwar il-konsulenza li jasserixxi illi kienet fis-seħħ u dwar dak asserit minnu illi tali konsulenza (jekk kienet fis-seħħ) irreka xi benefiċċju lill-intimati tali li jimmerita kumpens għalih: għal kull buon fini, ir-rikorrent kien kiteb lill-intimati biex jgħidilhom illi ma riedx ikun konsulent u għalhekk hu sorprendenti kif qed jasserixxi issa bil-ġurament li hu kien konsulent (Dok. I tiegħu stess);*
3. *Fil-kuntest ta' din l-ewwel talba, partikolarment ir-rikorrent għandu jispjega għaliex dak asserit minnu li sar a benefiċċju tal-intimati ma sarx meta kien impjegat mal-intimati u f'dan ir-rigward l-intimati jirriservaw id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' xi nuqqas tar-rikorrent illi jaġixxi in buona fede u skont id-doveri tiegħu meta kien impjegat;*
4. *Fi kwalunkwe każ, anke jekk għall-grazzja tal-argument kien hemm xi konsulenza fis-seħħ, tali konsulenza se mai kienet tkun fuq bażi ta' 'fixed fee' u mhux skont kif donnu qed jippretendi r-rikorrent fuq bażi tal-ammont ta' benefiċċju li gawdew minnu l-intimati – dan kollu ovvjament mingħajr preġudizzju għal dak ġia eċċepit;*

5. *Inkwantu għat-tieni talba tar-rikorrent, hu lampanti illi dak li qed jasserixxi r-rikorrent ma hu xejn ħlief 'constructive dismissal' u għalhekk ma jistax jivvanta tali pretensjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti stante illi t-Tribunal Industrijali, ai termini tal-Kap. 452, għandu ġurisdizzjoni esklussiva fuq kull każ ta' tkeċċija, inkluż il-'constructive dismissal';*

6. *Mingħajr preġudizzju għal dan, ir-rikorrent ma ġarrab ebda trattament ħażin li dwaru jew ġibed l-attenzjoni tal-intimati qabel ma spiċċa mill-impjieg jew li l-istess intimati setgħu jkunu jafu bih u għalhekk l-elementi ta' 'constructive dismissal' ma jistgħux jissussistu: għal kull buon fini, jingħad illi l-intimati ma jaċċettawx illi kien hemm tali trattament, fl-ewwel lok;*

7. *Ukoll mingħajr preġudizzju, stante l-età tal-intimat, id-danni li jista' jirrikjama f'dan il-kuntest huma limitati;*

8. *Inkwantu għat-tielet talba, l-intimati bl-ebda mod ma jistgħu jinżammu responsabbli kif jasserixxi r-rikorrent, tenut kont fl-ewwel lok dak indikat fil-paragrafu 6 hawn fuq kif ukoll il-fatt illi mhuwiex minnu li r-rikorrent sofra xi 'occupational injury or disease' li għalih għandhom jirrispondu l-intimati;*

9. *Inkwantu għar-raba', il-ħames u s-sitt talbiet, stante dak eċċepit hawn fuq l-intimati ma jistgħux jiġu kkundannati kif qed jitlob ir-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż u b'riserva għad-danni kif indikat hawn fuq.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **HSBC Life Assurance (Malta) Limited** (C 18814) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta)"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Lulju, 2016, u maħlufa minn Edward Micallef (K.I. 230364M) bħala rappreżentant legali tal-esponenti, kif debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament l-eċċipjenti HSBC Life Assurance (Malta) Limited mhijiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet u pretensjonijiet tal-attur safejn dawn huma imsejsa fuq allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet min-naħa tal-ex-employer tiegħu, ċioe l-konvenuta l-oħra Methode Electronics Malta Limited;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta m'għandha ebda obbligu li tikkumpensa lill-attur taħt il-polza, għaliex l-istess polza tkopri impjegati ta'*

*Methode Electronics Malta Limited, meta jirriżulta ammess illi l-attur huwa ormai irtirat;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur għandu jġib prova illi l-problemi ta' saħħa li qed jilmenta minnhom huma tassew koperti bil-polza;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-attur qed jippretendi danni u/jew kumpens, huwa jeħtieġlu jġib prova mhux biss li sofra danni jew li ħaqqu tali kumpens, iżda wkoll prova tal-quantum pretiż minnu;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż.*

*Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1.1 *Illi preliminarjament l-eċċipjenti HSBC Life Assurance (Malta) Limited mhijiex il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet u pretensjonijiet tal-attur safejn dawn huma msejsa fuq allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet min-naħa tal-ex-employer tiegħu, ċioe l-konvenuta l-oħra Methode Electronics (Malta) Limited;*

1.2 *Illi l-attur huwa eks-impjegat ta' Methode Electronics (Malta) Limited u jirriżulta mid-dokumenti esebiti mill-attur stess illi huwa irtira mill-impjieg fl-2014;*

1.3 *Illi meta wieħed jaqra l-premessi tal-kawża, jidher ċar illi din hija msejsa fuq allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet min-naħa tal-employer u / jew kollegi fuq il-post tax-xogħol;*

1.4 *Illi f'dan ir-rigward, l-eċċipjenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi għall-pretensjonijiet tal-attur, li għalihom għandha semmai tirrispondi l-konvenuta l-oħra, Methode Electronics Malta Limited;*

2.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta m'għandha ebda obbligu li tikkumpensa lill-attur taħt il-polza, għaliex l-istess polza tkopri impjegati ta' Methode Electronics Malta Limited;*

2.2 *Illi ex admissis l-attur irtira mix-xogħol fl-2014 u għamel l-ewwel claim wara li kien spiċċa mill-impjieg; għalhekk mhuwiex kopert bil-polza;*

3.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur għandu jġib prova illi l-problema ta' saħħa li qed jilmenta minnhom huma tassew koperti bil-polza;*

3.2 *Illi f'dan ir-rigward, kif se jintwera fil-kawża, minn korrispondenza skambjata qabel ġew intavolati l-proċeduri, jidher illi l-ilment mediku ewlieni tal-attur huwa marbut ma' reactive depression, li mhijiex fost il-problemi mediċi msemmija fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza;*

3.3 *Illi għalhekk anke li kieku l-attur kellu jitqies bħala impjegat kopert mill-polza, il-kundizzjoni medika tiegħu mhijiex tali li tagħti lok għal kumpens;*

4.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-attur qed jippretendi danni u/jew kumpens, huwa jeħtieġlu jġib prova mhux biss li sofra danni jew li ħaqqu tali kumpens, iżda wkoll prova tal-quantum pretiż minnu;*

5.1 *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Illi ai termini tal-Artikolu 158 (3) (ċ) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur kien għal numru ta' snin impjegat mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics, li kienet akkwistat il-kumpannija Hetronic Malta Limited fejn l-attur kien jaħdem oriġinarjament. L-attur spiċċa mill-impjieg tiegħu fil-15 ta' Ġunju, 2014, dakinhar li għalaq il-wieħed u sittin (61) sena. Fost id-diversi karigi li l-attur kien jokkupa tul is-snin li kien impjegat mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics, kien hemm dik ta' *purchasing executive, logistics manager,* u *group strategic sourcing manager,* liema karigi involvewh f'diversi responsabbiltajiet, negozjati ma' fornituri u safar barra l-pajjiż, liema safar diversi drabi kien ikun f'pajjiżi barra mill-Ewropa. Fir-Rikors Maħluf l-attur qal li kien jaqdi l-inkarigi fdati lilu b'impenn u b'lealtà, anki jekk b'diversi sagrifiċċji kemm għalih personalment u għal familtu. L-attur ta dettalji wkoll tas-salarju li kien jirċievi mill-impjieg tiegħu mal-kumpannija Methode Electronics, kif ukoll tal-*performance bonuses* li kien jingħata minn żmien għal żmien minħabba li kien jilħaq ċerti miri fix-xogħol tiegħu. Madanakollu l-attur spjega wkoll kif fl-aħħar snin tal-impjieg tiegħu, huwa kien espost għal sitwazzjonijiet stressanti li kkawżawlu tensjoni minħabba fl-atteġġjament ta' xi kollegi tiegħu fuq ix-xogħol, u ddeskriva dak li għadda minnu bħala *'bullying'.* Qal ukoll li fuq ix-xogħol kien hemm min beda jaħdem sabiex hu jitkeċċa mill-impjieg tiegħu. L-attur qal ukoll li kemm in-natura tax-xogħol, l-ambjent li kellu jaħdem fih, kif ukoll is-safar spiss u ta' ċertu tul f'pajjiżi bogħod mill-Ewropa, kellhom effett fuq saħħtu, u fis-sena 2012 beda jħoss sintomi li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar bdew isiru akuti. L-attur ippremetta li hu kien wasal f'punt fejn ma felaħx jidħol aktar għax-xogħol, u kien għalhekk li ħa l-*early retirement,* fi żmien meta għad li kien iħoss li kellu aktar x'joffri u saħansitra kien ppjana li jibqa' jaħdem sal-età ta' ħamsa u sittin (65) sena, kellu jitlaq

mill-impjieg kontra r-rieda tiegħu b'telf ta' dħul għalih u għal familtu u beda jirċievi dħul biss mill-pensjoni tal-irtirar, li kienet ferm inqas mis-salarju li kellu qabel. L-attur allega li xi żmien qabel ma spiċċa mill-impjieg, hu kien tkellem ma' wieħed mid-diretturi tal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Joseph E. Khoury, li kien talbu jibqa' jipprovdi konsulenzi lill-istess kumpannija, u għal perijodu ta' xahrejn wara li kien ittermina l-impjieg tiegħu, kien baqa' jagħmel xi xogħol ta' konsulenzi mid-dar. L-attur qal li hu ma rċieva ebda kumpens għal dan ix-xogħol, u kien kostrett jieqaf milli jkompli jagħmel dan ix-xogħol ta' konsulenzi meta rrealizza li f'dan ir-rwol kien ser jerġa' jibda jħabbat wiċċu mal-istess persuni u sitwazzjonijiet li minħabba fihom kien iddeċieda li jieqaf jaħdem u li kienu affettwawlu saħħtu negattivament. L-attur qal li permezz ta' ittra tal-20 ta' Ottubru, 2014, huwa kien informa lill-kumpannija konvenuta li ma kienx ser jaċċetta l-offerta li saritlu sabiex jaħdem bħala konsulent.

L-attur ippremetta wkoll li fit-2 ta' Lulju, 2012 huwa kien ġie infurmat mill-kumpannija konvenuta Methode Electronics li kien ser ikun kopert b'polza tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja, liema polza kellha tkopri lill-assikurat f'każ ta' mewt, *permanent total disablement* minħabba inċidenti jew mard u f'każijiet ta' *permanent partial disablement* minħabba inċidenti. Qal li hu ressaq *claim* taħt din il-polza għax il-kundizzjonijiet ta' saħħa li kien qiegħed ibati minnhom irrendewh eliġibbli biex jirċievi kumpens taħt din il-polza. Iżda fit-2 ta' Marzu, 2015, huwa kien ġie infurmat li l-*claim* tiegħu ma ġietx aċċettata għax il-kundizzjonijiet li kien qiegħed ibati minnhom ma kinux koperti bil-polza. L-attur qal li hu kien kostrett iressaq din il-kawża għax minkejja li interpella lill-kumpanniji konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dak dovut lilu, dawn baqgħu inadempjenti. L-attur jikkontendi li l-kumpannija konvenuta

Methode Electronics għandha tikkumpensah għax-xogħol ta' konsulenzi li ta għal perijodu ta' xahrejn wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu magħha. L-attur isostni wkoll li l-kumpannija konvenuta Methode Electronics għandha tikkumpensah għad-danni sofferti minnu, ekwivalenti għas-salarju u l-*performance bonuses* li tilef meta waqaf mix-xogħol qabel laħaq l-età tal-irtirar. L-attur isostni wkoll l-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) għandha tonora t-termini tal-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni u tikkumpensah għad-debilità permaneti sofferta minnu, kif ukoll talab lill-Qorti tillikwida l-kumpens kollu dovut lill-attur mingħand il-konvenuti, u tikkundannahom iħallsu l-ammont minnha likwidat.

Il-kumpannija konvenuta Methode Electronics eċċepiet li l-attur għandu jġib prova tas-servizzi ta' konsulenza li allega li kien ta wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Ġie eċċepit ukoll li ma kien hemm ebda ftehim mal-attur dwar xi ħlas li kellu jirċievi għall-konsulenzi li kellu jagħti wara li ttermina l-impjieg tiegħu mal-konvenuta Methode Electronics. Intqal ukoll li f'każ li l-attur ser jargumenta li kien hemm *constructive dismissal* tiegħu minn mal-kumpannija konvenuta, dan kellu l-fakultà li jniedi proċeduri f'dan ir-rigward quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-konvenuta Methode Electronics eċċepiet ukoll li minkejja dak kollu li ġie allegat mill-attur, hija ma kienet irċeviet ebda rapport jew ilment formali mingħandu li ma kienx qiegħed jiġi ttrattat tajjeb. Inoltre l-konvenuta Methode Electronics sostniet li m'hemmx lok għall-ħlas ta' ebda danni jew xi forma ta' kumpens ieħor lill-attur.

Min-naħa tagħha l-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) eċċepiet li hi mhijiex il-leġittima kontradittriċi sa fejn l-ilmenti tal-attur huma bbażati fuq allegati nuqqasijiet tal-ex-*employers* tiegħu. Eċċepiet ukoll li hi m'għandha l-

ebda obbligu ta' ħlas ta' kumpens taħt il-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni, u din il-polza kienet maħsuba biex tkopri lill-impjegati tal-Methode Electronics Malta, filwaqt li l-attur ressaq it-talbiet tiegħu fi żmien meta kien diġà rtirat. Il-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) eċċepiet ukoll li l-kundizzjonijiet ta' saħħa li qiegħed jilmenta minnhom l-attur mhumiex koperti taħt il-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni, li espressament teskludi kopertura għal kundizzjonijiet mentali jew nevroloġiċi.

## Provi u riżultanzi

L-attur ippreżenta għadd ta' dokumenti flimkien mar-rikors promutur tiegħu, fosthom il-kuntratt ta' impjieg iffirmat bejnu u l-Inġinier Simon Grima għan-nom tas-soċjetà Hetronic Malta Limited, bid-data tas-17 ta' Awwissu, 2000, li permezz tiegħu l-attur ġie ingaġġjat ma' dik il-kumpannija bħala *purchasing executive*[1]; kopja ta' kuntratt ta' impjieg ġdid tal-attur bid-data tad-9 ta' Jannar, 2002, li permezz tiegħu l-attur ġie impjegat bħala *logistics manager* mas-soċjetà Hetronic Malta Limited b'effett mill-1 ta' Jannar, 2002[2]; kopji tal-*FS3 forms* li jindikaw is-salarju li kellu l-attur fis-snin 2012 u 2013[3]; kopji tal-*payslips* tal-attur għax-xhur ta' Marzu u April, 2014[4], kopji ta' ittri mibgħuta lill-attur mill-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta bejn is-sena 2011 u 2014, permezz ta' liema huwa kien ġie infurmat kemm kien il-*performance bonus* li kien qiegħed jitħallas lilu[5]; kopja tal-formola tat-

[1] *A fol.* 12 tal-proċess.
[2] *A fol.* 16 tal-proċess.
[3] *A fol.* 21 u 22 tal-proċess.
[4] *A fol.* 23 u 24 tal-proċess.
[5] *A fol.* 25 *et seq.* tal-proċess. Permezz ta' dawn l-ittri, l-attur ġie mgħarraf illi, *"It gives me much pleasure to inform you that your Bonus Award for Fiscal Year ... has been approved. Your contribution to the achievements is reflected in this award and Hetronic Malta is taking this opportunity to thank you for those efforts."*

terminazzjoni tal-impjieg tal-attur minn mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics, fejn ġie dikjarat li l-attur kien qiegħed jittermina l-impjieg tiegħu minn mal-kumpannija minħabba li kien laħaq l-età tal-irtirar[6]; kopja ta' ittra datata 20 ta' Ottubru, 2014 indirizzata lil Joseph E. Khoury esponent tal-kumpannija konvenuta Methode Electronics, fejn l-attur informa lill-kumpannija konvenuta li ma setax jaċċetta l-offerta li saritlu u jibqa' joffri s-servizzi ta' konsulenza lis-soċjetà konvenuta Methode Electronics[7]; kopja tar-risposta mibgħuta minn Joseph E. Khoury lill-attur fit-30 ta' Ottubru, 2014 bi tweġiba għall-imsemmija ittra[8]; vera kopja tal-ittra uffiċjali bin-numru 2576/15 datata 20 ta' Lulju, 2015 mibgħuta mill-attur lill-kumpannija konvenuta Methode Electronics li permezz tagħha l-attur interpellaha għall-ħlas ta' kumpens rigward servizzi ta' konsulenza pprovduti minnu wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu u għal danni oħra sofferti minnu[9]; ittra tat-2 ta' Lulju 2012 permezz ta' liema l-attur kien ġie infurmat mill-konvenuta Methode Electronics li kien ser ikun kopert b'polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mas-soċjetà konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited[10]; kopja tal-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mill-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited, bin-numru 600-000032[11]; kif ukoll kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta mill-attur lill-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited bin-numru 3578/15[12], kif ukoll kopja tat-tweġiba għall-istess ittra.[13]

---

[6] *A fol.* 29 tal-proċess.
[7] *A fol.* 30 tal-proċess. Fi kliem l-attur, *"Completely broken down and exhausted, thanks to a smear campaign of an outright assault by my ex bullies/colleagues (lightly touched upon during our meeting) which threw me into a reactive depression, left with no option, but to retire early and now, to my regret, unable to take up your offer and act as a consultant."*
[8] *A fol.* 31 tal-proċess.
[9] *A fol.* 32 tal-proċess.
[10] *A fol.* 33 tal-proċess.
[11] *A fol.* 34 tal-proċess.
[12] *A fol.* 46 tal-proċess.
[13] *A fol.* 47 tal-proċess.

L-attur ippreżenta l-*affidavit* tiegħu permezz ta' nota tat-30 ta' Settembru, 2016[14], fejn spjega li huwa raġel miżżewweġ b'żewġt itfal, u għal diversi snin kien l-uniku *breadwinner* tal-familja tiegħu. Qal li f'ħajtu kellu diversi esperjenzi ta' xogħol li laqqgħuh ma' diversi persuni, kemm f'Malta kif ukoll barra l-pajjiż, u x-xogħol ewlieni tiegħu fil-kumpannija Methode Electronics Malta Limited fit-taqsima tal-Hetronic Malta Limited, li kienet il-kumpannija li oriġinarjament beda jaħdem magħha l-attur, kien fil-qasam tal-*purchasing.* L-attur spjega li tul is-snin, l-istess kumpannija bdiet tifrex u tiżviluppa, tant hu hekk li fetħet uffiċċji fl-Istati Uniti, fil-Filippini u fl-Italja, u kellha msieħba f'diversi reġjuni. Qal li minkejja li l-persuna li waqfet il-kumpannija Hetronic fis-sena 1982, kien xtaq li jibda jikseb il-materja prima għall-operat tagħha mill-Asja minflok mill-Ewropa sabiex ikun jista' jibbenefika minn prezzijiet aktar vantaġġjużi, il-ħaddiema responsabbli mix-xiri ġewwa Hetronic Deutschland ma ħadux dan il-proġett 'il quddiem. Kien għalhekk li Hetronic Malta kienet ħatret lill-attur bħala *purchasing executive* biex jaqdi dan ir-rwol. L-attur spjega li dak iż-żmien il-kumpannija Hetronic Malta ma kellhiex l-esperjenza, l-istruttura, il-loġistika u l-għarfien dwar kif kellu jsir ċertu xogħol, iżda hu ra kif għamel u beda jaħdem sabiex b'hekk ix-xiri tal-materja prima beda jsir mis-swieq Asjatiċi, u dan minkejja li kellu jiffaċċja reżistenza minn diversi oqsma qabel seta' jwettaq il-pjanijiet tiegħu. L-attur qal li dak iż-żmien hu kien jaħdem sigħat twal ħafna, u kien ukoll jivvjaġġa ħafna u kien rispettat mit-tmexxija tal-kumpannija. Kompla jgħid li l-inkwiet għalih beda fis-sena 2006 meta s-superjur tiegħu, l-Inġinier Simon Grima, kien ħadlu xi ħaddiema mit-taqsima li kien imexxi hu, kif ukoll neħħielu xi faċilitajiet li kien jaħdem minnhom. Qal li dak iż-żmien hu ħass li kien ġie ttrattat ħażin, u kien mar ħażin

[14] *A fol.* 70 tal-proċess.

finanzjarjament peress li tneħħewlu diversi responsabbiltajiet li kien investa fihom tul is-snin. Żied jgħid li dak iż-żmien l-Inġinier Grima kien ċaħħdu milli jibbenefika minn kummissjoni ta' wieħed fil-mija (1%) fuq l-iffrankar fuq il-prezz tax-xiri li kien jiġi nnegozjat mal-fornituri. L-attur qal li kien hemm drabi oħra fejn hu ġie a konjizzjoni tal-fatt li l-Inġinier Grima kien qal kliem mhux minnu dwaru, u beda jkun dispreġġjattiv fil-konfront tiegħu anki fl-*appraisals* li kien jagħmillu. Qal li dak iż-żmien kien wieħed ta' tensjoni kbira għalih, minħabba li kien sab ruħu f'sitwazzjoni fejn kellu jirrapporta lil żewġ persuni, wieħed minnhom kien l-Inġinier Grima, filwaqt li l-ieħor kien fl-Istati Uniti. L-attur kompla jgħid li minħabba li hu kien sab numru ta' fornituri mill-Asja, il-kumpannija Hetronic fetħet fabbrika ġewwa l-Filippini fis-sena 2006, u dak iż-żmien huwa kien intalab jibda jsiefer ta' spiss, ċirkostanza din li wasslet biex hu jqatta' ħin twil bogħod minn pajjiżu u mill-familja tiegħu, għalkemm żied jgħid li sa dak iż-żmien hu kien għadu jħossu f'saħħtu fiżikament. Qal li n-natura tax-xogħol kienet titlob li hu jiffoka fuq proġetti ta' ffrankar ta' spejjeż, sejba ta' fornituri, l-evalwazzjoni ta' fornituri ġodda għall-kapaċitajiet tagħhom, li jinkisbu offerti, in-negozjar ta' prezzijiet u kundizzjonijiet ġodda ma' kull fornitur, xogħol fuq proġetti speċjali, kif ukoll ir-riallokazzjoni ta' proġetti minn impjanti u fornituri. L-attur spjega fid-dettall in-natura tax-xogħol li huwa kien jagħmel sabiex jassigura li jkun effettiv f'xogħlu:

> "Kont infittex u nqalleb, nagħmel '*bench marking*' biex naċċerta li qegħdin inħallsu l-prezz tas-suq u kont nieħu in konsiderazzjoni l-volumi tassew baxxi li Hetronic kellha. Kont inżomm kuntatt kontinwu mal-fornituri ġewwa l-Asja, kemm minħabba l-volumi baxxi li kellha Hetronic (fejn allura ma kienx hemm saħħa ta' negozjar, għax il-volum kien baxx u għalhekk ma kienx hemm dik il-forza ekonomika li għaliha tista' titlob prezz baxx), minħabba l-kultura tar-reġjuni (eżempju Filippin ma' Ċiniż), sitwazzjoni ta' superjorità, u l-ħafna 'imħuħ'/individwi diversi, miż-żewġ reġjuni (Malta u Filippini) li kellhom kuntatt ta' kuljum biex

> jordnaw il-materja prima, mingħand fornituri mill-Asja, b'atteġġjament xi kultant xejn kumplimentużi.
>
> Tajt diversi pariri lil Simon Grima biex hu jiffoka u jġib Malta xogħol li jsir il-Hetronic Deutschland, fejn il-Malti kien kapaċi, iżda l-Filippin le, u Malta kienet orħos mill-Ġermanja, b'hekk il-grupp Hetronic seta' jsir aktar kompetittiv."

L-attur spjega kif meta kien iżur l-Asja kien iqatta' l-ġurnata tiegħu jdur għand il-fornituri, filwaqt li filgħaxija, xħin kien isib ruħu waħdu fil-lukanda, kien jieħu ħsieb jirrispondi l-*emails* kollha mibgħuta lilu minn klijenti u *bosses* tiegħu li kienu jinsabu fi tliet *time zones* differenti. Qal li kien f'dak iż-żmien li saħħtu bdiet sejra lura, minħabba fl-istrapazz li kien ikun suġġett għalih matul il-ġurnata, id-differenzi fl-ikel, fil-ħin, fil-kultura, fil-lingwa, u d-distanza mill-familja u minn qrabatu, li lkoll affettwawh negattivament. L-attur spjega kif f'uħud mill-pajjiżi li kien iżur kien hemm nuqqas ta' iġjene u faċilitajiet sanitarji, kif ukoll kien hemm periklu għas-sigurtà tiegħu li joqgħod barra waħdu f'ċertu ħinijiet, bir-riżultat li kien jispiċċa joqgħod jaħdem mil-lukanda għal sigħat twal. L-attur qal li f'Awwissu tal-2010, l-uffiċċji ta' Hetronic Malta Ltd ġew trasferiti mit-Technopark tal-Mosta għas-sit tal-Methode Electronics fl-Imrieħel, u spiċċa jaħdem f'uffiċċju b'għamara qadima, b'sistema tal-arja kondizzjonata li ma tiffunzjonax tajjeb, u f'ambjent ta' storbju. L-attur fix-xhieda tiegħu elenka għadd ta' episodji u sitwazzjonijiet fejn ħass li ngħata trattament inġust mill-kumpannija li kien impjegat magħha, liema trattament wassal biex jgħaddi minn żmien ta' stress qawwi li affettwatu negattivament f'saħħtu. L-attur semma diversi istanzi fejn fornituri magħżula minnu ġew imwarrba jew il-kredenzjali tagħhom tpoġġew f'dubju kontra l-pariri mogħtija minnu, saru rapporti inveritieri fuqu f'sitwazzjonijiet fejn hu kien pprova jiftaħ għajnejn il-kumpannija sabiex din ma tinqabadx mingħajr materja prima, nuqqas ta' qbil ma' kollegi li bilfors kellu jaħdem magħhom jew jirrapporta

lilhom, kif ukoll episodju partikolari fejn xi ħadd qallu biex joqgħod attent minħabba li kien hemm min fil-kumpannija li kellu l-ħsieb li jkeċċih mix-xogħol. L-attur qal li kien hemm ukoll drabi fejn hu kien jaf li ma setax jagħmel dak mistenni minnu, bħal meta intalab jinnegozja prezz orħos għal prodott li hu kien jaf li ma setax jinbiegħ bi prezz aktar ridott. L-attur kompla jispjega li kawża ewlenija tal-istress li kien qiegħed ikun soġġett għaliha kienet il-fatt li kien iqatta' madwar erba' xhur fis-sena imsiefer, u s-safar tiegħu kien żdied drastikament partikolarment wara Awwissu tal-2012. Kompla jgħid li f'Awwissu tal-2012 huwa beda jħoss diversi sintomi, fosthom uġigħ, tkexkix ta' bard mingħajr deni, uġigħ fil-ġogi u l-muskoli, taqlib fl-istonku u għeja. Sadanittant fit-2 ta' Lulju, 2012 kien ġie infurmat li kien ser ikun kopert b'polza ta' *life assurance* ma' HSBC Life Assurance (Malta) Limited, għalkemm qal ukoll li l-effetti fuq saħħtu kien għadu ma bediex iħosshom saż-żmien meta daħlet fis-seħħ din il-polza. Qal ukoll li t-tabib kuranti tiegħu Dr Paul Chetcuti Caruana dak iż-żmien kien qallu li kien qiegħed ibati minn sintomi ta' *reactive depression,* partikolarment minħabba li dan kien jaf bis-sintomi li kien qiegħed jesperjenza l-attur b'mod kontinwu. Qal li s-sintomi tiegħu aggravaw b'mod li wara xi żmien kienu sarulu għadd ta' testijiet, liema testijiet ma kinux konklussivi. Spjega li s-sintomi li kien qiegħed iħoss komplew, u fi Frar tal-2014 kien stħarreġ il-possibilità li jiftaħ *claim* taħt il-polza li kellu mal-HSBC Life Assurance (Malta) Limited, li kienu infurmawh li kellhom bżonn *clearance* mingħand il-konvenuta Methode Electronics sabiex jipproċedu rigward it-talba tiegħu.

L-attur qal li minkejja li hu kien ipprova jiġġieled is-sitwazzjoni, fl-20 ta' Marzu, 2014, kien iltaqa' mal-HR Manager, ċertu David Parnis, fil-preżenza wkoll tal-assistenta tiegħu, Cornelia Camilleri, u kien spjegalhom verbalment li kien

qiegħed ikun ma jiflaħx spiss, li kien għejja bis-safar, u li kien għaddej minn żmien ta' stress kontinwu li kien qiegħed ukoll jaffettwalu r-relazzjoni mal-membri tal-familja tiegħu. Żied jgħid li waqt din il-laqgħa David Parnis kien offrielu xogħol bħala konsulent, iżda hu kien irrifjuta din l-opportunità minħabba li kien iħoss li fiżikament ma kienx jiflaħ għal aktar xogħol. Qal ukoll li waqt din il-laqgħa huwa kien informa lil Parnis li kien qiegħed f'taħdidiet ma' HSBC Life Assurance (Malta) Limited minħabba li kellu f'moħħu li jitlob kumpens taħt il-polza tal-assikurazzjoni. Qal li kien hawnhekk li Parnis infurmah li d-deċiżjoni finali dwar kif jitħallas il-kumpens kienet f'idejn HSBC Life Assurance (Malta) Limited, u l-polza tal-assikurazzjoni kienet ser tibqa' valida sat-tmiem tal-impjieg tiegħu, fis-16 ta' Ġunju, 2014. L-attur qal li hu ta r-riżenja tiegħu fis-26 ta' Marzu, 2014, għalkemm qal li hu ma kellu l-ebda indikazzjoni dwar x'kien ser jitniżżel mill-kumpannija konvenuta bħala raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. L-attur qal li kieku mhux għat-trattamenti inġusti u s-sitwazzjonijiet stressanti li sab ruħu fihom fuq il-post tax-xogħol, hu ma kienx jieħu d-deċiżjoni li jirtira kmieni mill-impjieg tiegħu, anki minħabba li l-ħsieb tiegħu kien li jibqa' jaħdem sakemm jilħaq l-età tal-irtirar ta' ħamsa u sittin (65) sena. Qal li dak iż-żmien hu kien tkellem ma' Joseph Khoury dwar ir-raġunijiet għalfejn kien qiegħed jagħti r-riżenja tiegħu, u s-sitwazzjonijiet inġusti li kellu jgħaddi minnhom. L-attur kompla jgħid li fi Frar tal-2014, hu kien beda jikkomunika bit-telephone mal-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) sabiex jara għal xiex kien intitolat taħt il-polza inkwistjoni, iżda hu qatt ma tħalla jagħmel kuntatt maċ-*chartered insurer* Helenio Grech li kien iffirma l-polza imsemmija. L-attur żied jgħid li l-*claim* hu għamilha fiż-żmien meta kien għadu impjegat tal-kumpannija konvenuta, u għalhekk mhux minnu li l-HSBC Life Assurance (Malta) ma jistgħux iħallsuh

għax meta għamel il-*claim* hu ma kienx għadu impjegat tal-kumpannija Methode. L-attur ippreżenta *email* li hu bagħat lil David Parnis fil-31 ta' Marzu, 2014 fejn talab l-assistenza tiegħu għax ħass li l-HSBC Life Assurance (Malta) ma kinux qegħdin jagħtuh widen. Min-naħa tiegħu David Parnis kien assigurah li kien ser jibqa' kopert b'din il-polza anki f'każ li ma jibqax impjegat tal-konvenuta Methode Electronics. L-attur qal li huwa ġie sfurzat jirriżenja mill-impjieg li kellu għax kien kostrett jitlaq mill-impjieg kontra r-rieda tiegħu. Żied jgħid li huwa kellu laqgħa fil-*head quarters* tal-HSBC f'Ħal Qormi fuq stedina tagħhom stess, fejn kien spjega li r-*reactive depression* li kien ġie ċċertifikat li qiegħed isofri minnha kienet riżultat tas-sitwazzjonijiet ħżiena li kien espost għalihom fuq il-post tax-xogħol tiegħu, kif ukoll għax kien qiegħed jiġi '*bullied'* psikoloġikament fuq ix-xogħol. L-attur qal li sadanittant, wara li huwa kien waqaf mix-xogħol, is-sintomi li kien qiegħed iħoss u li minħabba fihom kien iddeċieda li jieqaf jaħdem, kienu għadhom hemm, u fi Frar tal-2015, it-tabib kuranti tiegħu kien irreferieh lill-Professur Andrew Borg, *Rheumatologist,* li kien talbu jagħmel sensiela ta' testijiet minħabba suspetti li dak li kien qiegħed isofri minnu l-attur kien riżultat tal-kundizzjoni tal-*fibromyalgia.* L-attur qal li fit-2 ta' Marzu, 2015, HSBC Life Assurance (Malta) kienu infurmawh li l-*claim* tiegħu ma ġietx aċċettata peress li dak li kien qiegħed isofri minnu l-attur ma kienx kopert bil-polza. Spjega li l-iskuża ewlenija ta' HSBC Life Assurance (Malta) kienet li l-polza ma kinitx tkopri mard mentali jew nevroloġiku, u s-sintomi l-oħra li kellu l-attur kienu sintomi sekondarji. L-attur kompla jispjega kif ir-*reactive depression* li kien qiegħed isofri minnha kienet reazzjoni għall-uġigħ u għas-sintomi fiżiċi l-oħra li kien qed ibati minnhom, u reazzjoni għat-trattament li kien soġġett għalih fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Fi kliem l-attur:

"... fil-fehma tagħhom (b'riferiment għall-HSBC), jien kont waqaft mix-xogħol minħabba '*reactive depression*', li għandi d-dubji tiegħi dwar kemm fil-polza tagħhom din hi fil-fatt eskluża għaliex dak li hu eskluż hu *mental* jew *nervous disorder* li fil-fehma tiegħi hu differenti minn *reactive depression*, meta il-verità, ir-raġuni għalfejn jien kont waqaft mix-xogħol kienet marbuta ma' raġunijiet 'fiżiċi' li forsi ma jidhrux esternament iżda li jien kont tassew qed inbati minnhom u li wasslu għal kundizzjonijiet oħra ta' saħħa u għeja u ansjetà, li kienu wassluni fi stat li ma kontx u ma għadnix niflaħ aktar għax-xogħol."

L-attur qal li hu kien kostrett jistitwixxi din il-kawża meta ra li s-soċjetajiet konvenuti kienu qed jinjoraw it-talbiet tiegħu. Żied jgħid li minkejja li hu kien ikkontempla l-possibilità li jniedi proċeduri legali anki qabel, huwa ma kienx iħossu f'saħħtu biżżejjed biex seta' jiftaħ kawża ta' dix-xorta. L-attur qal li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu wasslitu f'sitwazzjoni fejn qiegħed ibati minn telf ta' introjtu, u għad li wara li kien spiċċa mill-impjieg tiegħu huwa kellu offerti oħra ta' xogħol, hu jħoss li għadu mhux f'saħħtu biżżejjed biex jista' jaċċetta impenn ieħor ta' xogħol. Żied jgħid li ma kienx għall-fatt li kien kostrett jirriżenja mill-impjieg, ix-xewqa tiegħu kienet li jibqa' jaħdem sakemm jilħaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena, dejjem f'każ li saħħtu tkun tippermettilu jagħmel dan. L-attur qal ukoll li l-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni, kienet tagħti kopertura f'każ li individwu jispiċċa totalment u permanentement inkapaċi li jaħdem, u minkejja d-diversi sforzi min-naħa tiegħu, huwa spiċċa proprju f'dik is-sitwazzjoni, minkejja li ħadem biex ma jispiċċax fiha. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, l-attur ippreżenta wkoll għadd ta' dokumenti u skambju ta' korrispondenza, in sostenn ta' dak li ġie allegat minnu fl-*affidavit* tiegħu.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016 xehed il-**PL Sean Meli**[15] mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li qal li fil-każ tal-attur, li twieled fis-sena 1953,

---

[15] *A fol.* 74 tal-proċess.

l-età pensjonabbli tiegħu kienet ta' tnejn u sittin (62) sena. Qal li l-attur irċieva l-ewwel pagament tal-pensjoni tal-irtirar fil-21 ta' Ġunju, 2014, fl-età ta' wieħed u sittin (61) sena. Qal li l-attur seta' jingħata l-pensjoni qabel laħaq l-età tal-irtirar minħabba li kellu biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsin. Qal ukoll li biex jieħu l-pensjoni, l-attur ma setax jaħdem bejn l-età ta' wieħed u sittin (61) u tnejn u sittin (62) sena, għalkemm wara l-età ta' tnejn u sittin sena (62) seta' jaħdem.

Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2016, l-attur ippreżenta l-*affidavit* ta' martu **Maryanne Grasso**[16], li min-naħa tagħha qalet li r-raġel tagħha minn dejjem kien bniedem li jagħti priorità lix-xogħol, u minkejja li dan kien iqatta' ħin twil fuq il-post tax-xogħol tiegħu, kien hemm drabi fejn kien iqum bil-lejl jaħdem u jirrispondi l-*emails* li kien jirċievi minn barra, anki minħabba d-differenza fil-ħin. Qalet li x-xogħol tar-raġel tagħha kien jirrikjedi li dan isiefer minn żmien għal żmien, u x-xogħol barra l-pajjiż offrielu diversi sfidi ġodda, mhux lanqas minħabba d-differenzi fil-ħin, id-differenzi fl-ikel u l-ambjent, u d-distanza mill-familja tiegħu. Ix-xhud qalet li hija bdiet tinnota tibdil fl-atteġġjament ta' żewġha meta dan beda jkollu l-inkwiet fuq ix-xogħol, kien qiegħed ikun għajjien, mingħajr ħeġġa li jaħdem jew jagħmel xogħol fid-dar jew xogħol volontarju, naqqas mill-ikel, u kien iqatta' ħafna ħin rieqed. Qalet li ż-żmien ta' tensjoni li għadda minnu r-raġel tagħha wasslu f'sitwazzjoni fejn dan beda jħoss uġigħ f'diversi partijiet ta' ġismu, u kien hemm drabi meta rritorna d-dar kmieni minħabba li ħassu ma jiflaħx fuq ix-xogħol. Ix-xhud qalet li kien f'dan iż-żmien li r-raġel tagħha beda jikkontempla li jirtira mix-xogħol qabel iż-żmien għax l-inġustizzji li kien qiegħed jiffaċċja, kienu qegħdin jaffettwawlu saħħtu. Qalet li meta r-raġel

[16] *A fol.* 83 tal-proċess.

tagħha kien ta r-riżenja tiegħu lil Joe Khoury, dan kien offrielu l-opportunità li jibqa' jagħmel xogħol ta' konsulenza mal-kumpannija konvenuta, u għall-ewwel ir-raġel tagħha kien ser jirrifjuta minħabba li ma xtaqx ikollu x'jaqsam aktar ma' din il-kumpannija. Iżda wara xi żmien kien aċċetta li jagħmel xogħol ta' konsulenza. Ix-xhud spjegat kif fl-ewwel ftit ġranet wara li spiċċa mix-xogħol, żewġha beda jħossu qiegħed jiddeterjora, l-aktar minħabba l-ħsieb li kien baqagħlu ħafna x'joffri li kieku mhux għax iċ-ċirkostanzi li ġiegħluh jitlaq mill-impjieg tiegħu b'mod prematur, u meta żewġha ġietu l-opportunità li jibda jagħti servizzi ta' konsulenza mid-dar, kien aċċetta li jibda jaħdem b'dak il-mod. Ix-xhud qalet li żewġha kien reġa' beda jqatta' ammont ta' ħin fuq il-kompjuter, u kien anki attenda għal xi żewġ laqgħat fil-fabbrika tal-kumpannija Methode Electronics. Iżda meta reġa' kellu jħabbat wiċċu mal-istess nies li kienu kkawżawlu ħafna tensjoni, reġa' beda jħoss saħħtu sejra lura u għalhekk iddeċieda li jieqaf milli jagħti konsulenzi. Ix-xhud qalet li minkejja li r-raġel tagħha għandu r-rieda li jaħdem, madanakollu fiżikament hu għadu ma jħossux tajjeb biżżejjed, tant hu hekk li għadu jbati mill-istess sintomi li minħabba fihom kien iddeċieda li jieqaf jaħdem, bħal rogħda, għeja fiżika, nuqqas ta' konċentrazzjoni, uġigħ f'diversi partijiet ta' ġismu u nuqqas ta' aptit. Ix-xhud żiedet tgħid li minn testijiet li kien għamel żewġha, irriżulta li dan kien qiegħed isofri minn *shrinkage* f'moħħu, u t-tobba kienu tawh parir biex iżomm ruħu okkupat sabiex saħħtu ma tibqax sejra lura. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li minkejja li r-raġel tagħha kien iddedika saħħtu u parti kbira mill-ħajja lavorattiva tiegħu biex il-kumpanniji Hetronic/Methode setgħu jimxu 'l quddiem, dawn min-naħa tagħhom ma kienu wrewh ebda rispett.

Il-**PL Sean Meli** kompla jixhed waqt l-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2016[17], u ppreżenta kopja tal-applikazzjoni tal-irtirar li kienet saret mill-attur. Qal li f'każijiet bħal dawn, persuna ma jkollha għalfejn tagħti l-ebda raġuni għalfejn tkun qiegħda tapplika għall-pensjoni, ladarba tkun laħqet l-età tal-irtirar.

Fl-istess udjenza xehed il-**Professur Andrew Borg**[18], li qal li hu kien ra lill-attur f'okkażjoni waħda rigward il-kundizzjoni msejħa *fibromyalgia.* Qal li l-attur kellu sintomi ta' wġigħ ma' ġismu kollu, nuqqas ta' rqad, u għeja. Ix-xhud qal li biex jiġi stabbilit jekk persuna hux qiegħda ssofri minn din il-kundizzjoni, l-ewwel iridu jiġu eliminati kundizzjonijiet oħra, għax m'hemm l-ebda test speċifikament għal din il-marda. Ix-xhud żied jispjega li minkejja studji xjentifiċi, għadu ma ġiex stabbilit jekk il-*fibromyalgia* hijiex ikkawżata minn dipressjoni u minn livelli għolja ta' ansjetà jew inkella jekk hijiex il-*fibromyalgia* li twassal biex persuna tibda ssofri minn *reactive depression.* Ix-xhud żied jispjega li minkejja li l-*fibromyalgia* hija meqjusa bħala marda psikosomatika, persuni li jbatu minn din il-kundizzjoni jkollhom diżabilità li hija prinċipalment ta' natura fiżika. Qal ukoll li ċ-ċirkostanzi li jwasslu għal din il-marda ġeneralment ikunu ilhom għaddejjin fuq medda ta' snin. Ix-xhud qal li fil-fehma tiegħu l-attur qed ibati minn *fibromyalgia* severa. Skont il-Prof. Borg:

> "Fiżikament jekk inti għandek *severe depression* u *fibromyalgia*, *which virtually go hand in hand*, m'għandekx enerġija tagħmel xejn. Tqum filgħodu aktar għajjien milli rqadt. *Tendency is* li terġa' tmur torqod. Tipprova tagħmel daqxejn *exercise*, *it makes sympthoms worse*. *How can you start to unravel this dynamic*? Għalina mingħajr l-għajnuna ta' *psychiatrist, occupational therapist, physio*, mediċini. Qed ngħidlek *it's an encompassing illness* li lilna toħdilna riżorsi kbar Mater Dei."

---

[17] *A fol.* 91 tal-proċess.
[18] *A fol.* 98 tal-proċess.

Ix-xhud Prof. Andrew Borg qal li fil-każ tal-attur il-*fibromyalia* kienet waħda progressiva u "*getting worse and worse*."

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2016 xehed **Mario Fenech**, mis-soċjetà konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited[19], li qal li hu ċ-*chief underwriter* tal-kumpannija, u fost affarijiet oħra jieħu ħsieb il-*claims* li jsiru. Ix-xhud spjega li l-polza inkwistjoni kienet polza tal-kumpannija Methode, u permezz ta' din il-polza, il-kumpannija Methode Electronics kienet qiegħda tfittex li tkopri lill-impjegati tagħha. Żied jgħid li l-pagamenti u n-negozjati ta' qabel il-ħlas mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics, dejjem kienu jsiru minnu. Qal li f'dan il-każ Methode kienet infurmat lil HSBC Life Assurance (Malta) li kellha impjegat li xtaq iressaq *claim* taħt il-polza, u kien għalhekk li kienu ddeċidew li jiltaqgħu miegħu. Ix-xhud qal li l-ewwel darba li ltaqa' mal-attur kien fl-1 ta' Awwissu, 2014, għalkemm qal li ma jafx jekk dak iż-żmien l-attur kienx għadu impjegat ta' Methode Electronics. Qal li f'dik il-laqgħa l-attur kien spjega x'tip ta' problemi kellu fuq il-post tax-xogħol, il-fatt li kien hemm ħafna pressjoni minn sħabu, u l-fatt li kien qiegħed iħoss li saret inġustizzja miegħu. Żied jgħid li dakinhar l-attur kien semma' li kien qiegħed ibati minn *reactive depression,* u x-xhud kien infurmah li l-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni kienet teskludi mard bħal dipressjoni u mard mentali. Ix-xhud qal li aktar milli tkellem dwar is-sintomi u l-uġigħ li kien qiegħed jesperjenza, l-attur kien tkellem ħafna dwar is-sitwazzjoni fuq il-post tax-xogħol tiegħu u l-problemi li kien iħabbat wiċċu magħhom. Ix-xhud żied jgħid li f'dan il-każ il-*policy holder* u l-benefiċjarja tal-polza, kienet il-Methode Electronics, u għalhekk kwalsiasi *claim* titħallas lil Methode. Imma x-xhud

[19] *A fol.* 116 tal-proċess.

ikkonferma li l-persuna eliġibbli taħt il-polza, anki mid-definizzjoni li toħroġ mill-polza stess, hija l-persuna impjegata.

Ix-xhud **Mario Fenech** kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017[20], fejn sarlu riferiment għall-fatt li meta l-attur kien qiegħed jikkorrispondi mal-kumpannija HSBC Life Assurance, dan kien isemmi diversi ilmenti fiżiċi li kien għaddej minnhom, fosthom l-għeja u t-tbatija li kien qiegħed jesperjenza anki biex iqum filgħodu, u x-xhud min-naħa tiegħu wieġeb li din il-*claim* ġiet rifjutata għax l-attur kellu *depressive disorder.* Ix-xhud qal li hu jiftakar li l-attur kien isemmi ilmenti oħrajn, iżda min-naħa tal-HSBC dawn ma kinux meqjusa li kienu ta' ċertu gravità biżżejjed li l-attur ma jmurx għax-xogħol minħabba fihom. Ix-xhud qal li l-attur qatt ma semma li kien qiegħed ibati mill-kundizzjoni tal-*fibromyalgia,* u l-uniċi ilmenti tiegħu kienu dwar il-*'bullying',* is-safar fit-tul u l-problemi bl-istonku.[21] Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-korrispondenza mal-attur ġeneralment kienet issir bil-kitba, dan qatt ma semma li kien qiegħed ibati mill-*fibromyalgia* fil-korrispondenza li kellu ma' HSBC Life Assurance (Malta) Limited. Ix-xhud żied jgħid li l-impressjoni li ngħata waqt il-laqgħa li kellu mal-attur kienet li dan kien qiegħed isofri minn dipressjoni minħabba fil-*'bullying'* li allegatament kien qiegħed jesperjenza fuq il-post tax-xogħol, u mhux minħabba l-kundizzjonijiet fiżiċi tiegħu. Kompla jgħid li l-informazzjoni li hu ngħata mill-kumpannija Methode Electronics kienet li dan kien waqaf mix-xogħol minħabba li rtira bl-età u mhux minħabba xi kundizzjoni li kellu.

---

[20] *A fol.* 130 tal-proċess.

[21] Ix-xhud kompla jispjega: "[m]eta ltqajt ma' Mr. Grasso jien il-kundizzjoni li semmieli kien li hu qed ibati minn *depression* fuq ix-xogħol, qed jiddejjaq imur għax-xogħol minħabba *bullying* u li qed jagħmlulu bsaten fir-roti minħabba x-xogħol tiegħu. Qatt ma semmielna li mhux imur għax-xogħol minħabba *fibromyalgia,* mard u kundizzjonijiet oħra li ovvjament qed jimpedulu li jmur għax-xogħol. Li semmielna kif għidtlek li kellu ftit *arthritis* fi spalltu minħabba vjaġġi twal li kien qiegħed jagħmel fuq l-ajruplan u niftakar sew li kien ikkummenta li allavolja kien kellem lill-Methode li l-*aircondition* kien dirett fuqu u kien qed idejqu u xorta ħallewh, jiġifieri iktar kien *bullying* meta jmur għax-xogħol, mhux ma jistax imur għax-xogħol."

Fl-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2017 xehed **David Parnis**[22], *Human Resources Manager* mal-konvenuta Methode Electronics, li ppreżenta kopja tal-*employment details report* tal-attur bejn l-1 ta' Settembru, 2000 meta kien beda l-impjieg tiegħu ma' Hetronic Malta Limited u l-15 ta' Ġunju, 2014 meta l-attur kien ittermina l-impjieg tiegħu ma' Methode Electronics. Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tas-*sick leave record* għall-aħħar sentejn li l-attur kien impjegat mal-konvenuta Methode Electronics. Ix-xhud qal li meta l-attur irriżenja minn mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics, dan kien informa lit-tmexxija tal-kumpannija li kien fi ħsiebu jdaħħal *claim* mal-*insurance,* u dak iż-żmien l-attur kien ippreżenta ċertifikat tat-tabib tiegħu, filwaqt li l-kumpannija kienet bagħtitlu t-tabib tagħha, u wara l-attur kien ġie mitlub jiltaqa' ma' Elenio Grech minn HSBC Life Assurance (Malta). Ix-xhud qal li bħala kumpannija huma qatt ma kellhom *claim* taħt il-polza ma' HSBC Life Assurance, ħlief darba waħda biss meta kien hemm każ ta' mewt ta' impjegat tal-kumpannija, u qal li meta kienet issir *claim* huwa kien jinforma biha lil Elenio Grech. Qal ukoll li ħafna drabi l-informazzjoni mitluba mill-HSBC Life Assurance (Malta) Limited tkun waħda li tista' tiġi pprovduta mill-individwu, u l-kumpannija tidħol biss biex tagħti appoġġ u informazzjoni addizzjonali f'każ li jintalbu dettalji dwar l-impjieg tal-persuna bħal kemm kellu salarju, x'kien ix-xogħol tiegħu u dettalji simili. Żied jispjega li f'każ li l-HSBC Life Assurance (Malta) Limited tagħti kumpens taħt il-polza, dan jitħallas lil Methode, u din min-naħa tagħha tgħaddih lil min ikun għamel il-*claim.*

Ix-xhud esebixxa għadd ta' dokumenti in sostenn ta' dak li qal fix-xhieda tiegħu[23], fosthom dokumenti b'dettalji dwar l-impjieg u s-salarju li kellu l-

[22] *A fol.* 153 tal-proċess.
[23] *A fol.* 168 *et seq.* tal-proċess.

attur, dettalji dwar l-aħħar ġurnata tax-xogħol tal-attur, li kienet il-15 ta' Ġunju, 2014[24]; korrispondenza ma' tobba li eżaminaw lill-attur[25]; kopja tal-polza tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja maħruġa mill-HSBC Life Assurance (Malta) Limited[26], kif ukoll kopja tal-ittra bid-data tat-2 ta' Lulju, 2012, li permezz tagħha l-attur ġie infurmat li kien qiegħed jiġi kopert b'polza fuq il-ħajja[27], liema polza kienet tispeċifika illi:

> *"The Group Life plan is a life insurance product which provides cover in the event of Death of the insured. It also provides cover if the insured is diagnosed with Permanent Total Disability due to an accident and/or sickness. In both cases the sum insured will be paid out. The Group Life plan also provides cover if the insured is diagnosed with Permanent Partial disability due to an accident. In this case a proportion of the sum insured will be paid according to the scale of benefits."*

Id-dokumenti l-oħra esebiti mix-xhud fihom dettalji dwar kemm kien is-salarju u kemm kienu l-*allowances* li kien intitolat għalihom l-attur[28]; dettalji dwar is-safar tiegħu u kemm kien jitħallas għal dan is-safar[29]; kopja tal-kuntratti tal-impjieg tal-attur mas-soċjetà Hetronic Malta Limited[30]; kif ukoll kopja tal-ittra li permezz tagħha l-attur informa lis-soċjetà konvenuta li kien qiegħed jirriżenja mill-impjieg tiegħu bħala *Group Strategic Sourcing Manager* wara li kien ġie infurmat mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li seta' jirtira fl-età ta' wieħed u sittin (61) sena.[31]

[24] *A fol.* 170 tal-proċess. L-attur irrapporta l-aħħar għax-xogħol fid-9 ta' April, 2014 u wara din id-data ħa tliet mija u sittin (360) siegħa leave.
[25] *A fol.* 173 u 174 tal-proċess.
[26] *A fol.* 175 tal-proċess.
[27] Kopja *a fol.* 189 tal-proċess.
[28] *A fol.* 195 *et seq.* tal-proċess.
[29] *A fol.* 194 tal-proċess.
[30] *A fol.* 218 tal-proċess.
[31] *A fol.* 232 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-20 ta' April, 2017 xehed **Joseph Khoury**[32], li qal li hu l-persuna responsabbli mill-kumpannija Methode globalment, u huwa *Senior Vice President* tagħha. Ix-xhud qal li l-attur kien responsabbli mix-xiri li kien isir mill-Hetronic Division fi ħdan il-kumpannija konvenuta Methode Electronics, u żied li l-attur ma kienx jirrapporta direttament lilu fil-kumpannija. B'riferiment għall-offerta li saret lill-attur sabiex jibqa' joffri servizzi ta' konsulenza anki wara li jirtira, ix-xhud qal li din hija prassi komuni fil-kumpannija. Ix-xhud qal li jkun hemm impjegati li wara li jirtiraw jinżammu bħala konsulenti jew b'*retainer* minħabba li l-esperjenza tagħhom tkun għadha valida. Lix-xhud sarlu riferiment għal ittra li kienet mibgħuta lilu mill-attur fl-20 ta' Ottubru, 2014, u li rrisponda għaliha fit-30 ta' Ottubru tal-istess sena, fejn l-attur kien talab kumpens wara li ta xi suġġerimenti lis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li hu kien irrifjuta t-talba għall-kumpens għax wara li tkellem mal-esperti fil-qasam, dawn kienu qalulu li dawn is-suġġerimenti ma kienu ser iwasslu għal imkien. Ix-xhud spjega r-raġuni għalfejn hu ħass li l-attur ma kellux jiġi kkumpensat għas-servizzi li ta wara li dan irtira mill-impjieg tiegħu:

> *"In business there are no feelings but facts. The feeling and heart of me was trying to help him out because he was asking for help and I tried my best and normally if you go through my emails I don't go to that level of correspondence, out of respect and because I wanted to help him out, I did my best to convince the experts that he can help out, but the results were that he cannot. What more can you ask me to do? My heart tried to help him out but the facts were showing different things. I have a lot of responsibility with Methode globally, I cannot make exceptions."*

Ix-xhud ċaħad li kien hu li ssuġġerixxa lill-attur jibqa' jaħdem mal-kumpannija konvenuta bil-ħlas ta' *retainer* kultant żmien, u qal li hu kien talab lill-attur jagħti s-suġġerimenti tiegħu dwar kif seta' jkompli jagħti servizz lill-kumpannija. Ix-xhud qal li ma setax jiftakar jekk l-attur kienx qallu li kien

[32] *A fol.* 236 tal-proċess.

qiegħed isofri minn problemi mediċi waqt laqgħa li kellu miegħu. Ix-xhud qal ukoll li l-maġġoranza tal-*managers* tal-kumpannija konvenuta jsiefru bħala parti mix-xogħol tagħhom, u l-maġġoranza tas-safar ikun fuq distanzi twal.

Fl-udjenza tat-12 ta' April, 2017 xehed **Charles Caruana**[33], li qal li fiż-żmien rilevanti hu kien impjegat bħala *senior purchasing manager* mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics. Ix-xhud qal li l-attur kien jirrapporta lilu fuq il-post tax-xogħol fl-aħħar erba' xhur qabel irtira, minħabba li dak iż-żmien l-attur kien il-*purchasing manager* responsabbli minn Hetronic Malta. Ix-xhud iddeskriva r-relazzjoni li kellu mal-attur fuq il-post tax-xogħol bħala waħda "normali" minkejja li kien hemm miri li riedu jintlaħqu. Ix-xhud qal li hu ġie infurmat mit-taqsima tar-riżorsi umani tal-kumpannija li l-attur kien beħsiebu jirtira. Ix-xhud qal ukoll li hu mal-attur qatt ma kien ikollu diskussjonijiet ta' xejra personali. Ix-xhud qal li hu wkoll kien isiefer, xi drabi fit-tul, għalkemm fl-2013 kien hemm perijodu fejn huwa kien weġġa' dahru u għalhekk kien talab biex isiefer biss fl-Ewropa u mhux *long haul.* Ix-xhud qal li hu qatt ma ressaq *claim* taħt il-polza tal-assikurazzjoni li l-kumpannija kellha ma' HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. Ix-xhud ikkonferma li wara li l-attur kien spiċċa mill-impjieg tiegħu, kien hemm kuntatt mal-attur minħabba xi suġġerimenti li dan kien għamel, u fil-fatt huwa kellu żewġ laqgħat mal-attur dwar xi *potential savings* li setgħet tagħmel il-kumpannija. Ix-xhud qal li s-suġġerimenti li saru mill-attur ma ġewx aċċettati mill-kumpannija, u fl-aħħar korrispondenza tiegħu mal-attur huwa kien qallu li s-suġġerimenti tiegħu kienu ser jiġu evalwati, u jekk jiġi stabbilit li dawn kellhom xi valur, jiġu adottati. Qal ukoll li hu kien talab lill-attur biex ikun hu li jieħu ħsieb il-proposti li kien għamel, anki għax ma kienx hemm biżżejjed riżorsi umani biex dak li kien qed jiġi propost

[33] *A fol.* 258 tal-proċess.

isir, iżda hu min-naħa tiegħu qatt ma sema' xejn aktar. Qal ukoll li meta kien tkellem miegħu Joe Khoury, dan kien qallu li jekk l-attur kien lest li jaħdem fuq is-suġġerimenti mressqa minnu, hu seta' jiġi impjegat bħala konsulent. Ix-xhud qal li minkejja li hu waqaf mix-xogħol, għadu impjegat bħala konsulent mal-kumpannija konvenuta.

Fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Ke Scotto**[34], li qalet li għamlet għaxar snin impjegata mal-konvenuta Methode Electronics fil-*purchasing department* u f'dan ir-rwol hi kienet tirrispondi lill-attur Raymond Grasso. Ix-xhud qalet li x-xogħol kellu aspett globali u aspett lokali, u hi kienet tivvjaġġa fuq xogħolha, għalkemm mhux daqskemm kien jivvjaġġa l-attur. Ix-xhud qalet li fl-aħħar xhur qabel l-attur spiċċa mix-xogħol hija kienet taf li dan kien ma jiflaħx għadd ta' drabi, u darba kien semma li kien ibati minn dipressjoni. Ix-xhud kompliet tgħid li wara li l-attur spiċċa mill-impjieg tiegħu minn mal-kumpannija, hu kien ġie offrut xogħol bħala konsulent mal-kumpannija, u hija saret taf b'dan għax kienet preżenti għal laqgħa ma' Charles Caruana u l-attur, u dan kien wara li l-attur temm l-impjieg tiegħu mal-kumpannija. Ix-xhud qalet li wara li saret riorganizzazzjoni fil-kumpannija, Charles Caruana kien id-direttur li l-attur kellu jirrapporta lilu. Għad-domandi li sarulha in kontroeżami, ix-xhud qalet li d-drabi li hi kkorrispondiet mal-attur wara li ttermina l-impjieg li kellu mas-soċjetà konvenuta kienu għal raġunijiet ta' xogħol, sabiex dan jagħtiha l-*handover.*

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru, 2017 xehed l-attur, **Raymond Grasso**[35], li qal li kien għamel għadd ta' testijiet sabiex jiġi kkonfermat x'inhi l-kundizzjoni medika li kien qiegħed ibati minnha, u ppreżenta dokumenti li juru li l-

[34] *A fol.* 283 tal-proċess.
[35] *A fol.* 293 tal-proċess.

kundizzjoni li qiegħed ibati minnha hija l-*fibromyalgia.* Qal ukoll li mit-testijiet mediċi li sarulu rriżulta li hu m'għandu l-ebda kundizzjoni medika oħra. Żied jgħid li s-sintomi marbuta mal-kundizzjoni tal-*fibromyalgia* ilu jħosshom mis-sena 2012, u kull meta kien jitkellem mat-tabib tal-familja Dr Paul Chetcuti Caruana, huwa dejjem kien jgħidlu bl-uġigħ li jħoss f'diversi partijiet ta' ġismu. Qal li anki fil-laqgħa li kellu ma' David Parnis, huwa kien qallu li kien qiegħed iħossu eżawrit u li ma jiflaħx aktar għax-xogħol. Qal ukoll li anki meta tkellem ma' esponenti ta' HSBC Life Assurance (Malta) Limited, kien infurmahom li huwa ried jiftaħ *claim* taħt il-polza li kienet tkopri l-impjegati ta' Methode Electronics, għax kien qiegħed iħossu eżawrit u m'għadux jiflaħ għax-xogħol. L-attur qal li qabel irtira mix-xogħol hu qatt ma ġie invistat minn tabib li ntbagħat mill-kumpannija li kien jaħdem magħha. Qal ukoll li meta tkellem ma' David Parnis dwar dak li kien għaddej minnu, dan kien wegħdu l-appoġġ tiegħu. L-attur kompla jgħid li wara li ta r-riżenja tiegħu, hu ħass li kellu jinforma lil Joseph Khoury bir-raġunijiet wara d-deċiżjoni tiegħu, u dan min-naħa tiegħu kien talbu jattendi għal laqgħa miegħu. Qal li f'din il-laqgħa hu kien spjegalu r-raġunijiet kollha li wassluh biex jirtira mix-xogħol, il-*'bullying'* li kien ikun soġġett għalih, u fl-aħħar tad-diskussjoni kien Khoury li staqsieh jekk kienx lest li jaċċetta konsulenza mal-kumpannija. Qal li dak il-ħin hu kien spjegalu li minħabba li kien qiegħed jirtira sena qabel l-età tal-irtirar, hu ma xtaqx li jkollu problemi mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u dak il-ħin Khoury kien wiegħbu li setgħet tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Ix-xhud qal li hu kien ħassu mweġġa' ħafna meta xi ħadd kien qallu biex joqgħod attent għax kien hemm min ried ikeċċih mix-xogħol, meta huwa ma kienx qed jippjana li jieqaf mix-xogħol tiegħu. L-attur qal li fid-diskussjoni li kellu ma' Khoury dan kien insista li kellha tinstab soluzzjoni għas-sitwazzjoni li sab ruħu

fiha l-attur li ma setax jaħdem għal sena minħabba li kien ser jingħata l-pensjoni sena qabel l-età tal-irtirar, u l-attur min-naħa tiegħu kien bagħat *email* lil Khoury b'xi proposti dwar ix-xogħol. Qal ukoll li huwa ma kienx iddiskuta ma' Joseph Khoury il-mod kif kellu jitħallas għal dan ix-xogħol. Qal iżda li Khoury kien issuġġerixxa li l-ħlas għall-konsulenzi li kien ser jipprovdi l-attur seta' jsir wara lli tgħaddi s-sena li matulha l-attur ma setax jaħdem. L-attur qal li hu ma kienx ingħata kopja tal-polza tal-assikurazzjoni li saret ma' HSBC Life Assurance (Malta) Limited u kien waqt il-laqgħa li kellu ma' Mario Fenech li hu sar jaf li d-dipressjoni u l-mard mentali ma kinux koperti b'din il-polza. L-attur ippreżenta ċertifikat mediku aġġornat maħruġ fit-28 ta' Lulju, 2017, fejn il-Professur Andrew Borg ikkonferma li l-attur qiegħed ibati mill-kundizzjoni tal-*fibromyalgia.*

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Charles Caruana**[36], li kkonferma li għall-perijodu minn Jannar sa Marzu tal-2014, l-attur kien jirrispondi lilu fuq ix-xogħol. Ix-xhud ikkonferma li l-ħaddiema kollha f'livell maniġerjali kienu jsiefru f'diversi pajjiżi, għalkemm żied jgħid li sa fejn jaf hu l-attur qatt ma ntbagħat f'xi pajjiż fejn hemm il-gwerer jew tensjonijiet għaddejjin. Ix-xhud qal ukoll li l-attur qatt ma lmenta minħabba saħħtu, jew irrapporta lis-superjuri tiegħu li kellu problemi personali jew ta' *bullying* fuq ix-xogħol. B'riferiment għall-idea li l-attur jingħata xi forma ta' konsulenza wara li jirtira mill-impjieg, ix-xhud qal li kellu żewġ laqgħat mal-attur, u dan min-naħa tiegħu kien għamel xi suġġerimenti li kien ntalab jaħdem fuqhom, anki minħabba li dak iż-żmien il-kumpannija ma setgħetx talloka riżorsi għal dan ix-xogħol. Qal li minkejja li l-attur ippreżenta l-ideat tiegħu, hu kien talbu jagħmel studju aktar profond dwar il-vantaġġi ta' dak li kien qiegħed

[36] *A fol.* 310 tal-proċess.

jissuġġerixxi, imma l-attur kien wieġbu li minħabba li kien irtira, ma setax jaħdem fuqhom. Ix-xhud qal li l-attur qatt ma kien iddiskuta miegħu li kien biħsiebu jagħmel xi *claim* taħt il-polza tal-assikurazzjoni. Ix-xhud qal li hu ma setax jeskludi li l-attur kien ħa ammont ta' ħin biex ifformula l-proposti tiegħu, iżda qal li sabiex dawn jiġu attwati, kien jeħtieġ studju aktar bir-reqqa u fit-tul.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **David Parnis**[37], li qal li hu responsabbli mir-riżorsi umani tal-Methode Electronics u tat-taqsimiet kollha tagħha, u kkonferma li l-attur kien impjegat ma' Hetronic li kienet taqsima fi ħdan il-kumpannija Methode Electronics Malta Limited. Ix-xhud qal li fix-xhur qabel irtira, l-attur qatt ma kien tkellem miegħu dwar l-istat ta' saħħtu, jew dwar xi trattament li kellu jieħu, jew inkella dwar il-fatt li l-ivvjaġġar kien qiegħed jaffettwalu saħħtu. Barra minn hekk lanqas l-ammont ta' *sick leave* li kien jieħu l-attur ma kien wieħed allarmanti. Ix-xhud qal ukoll li qatt ma nħasset il-ħtieġa li l-attur jiġi investigat minħabba l-ammont ta' *sick leave* li ħa. Ix-xhud qal li l-kumpannija Methode Electronics, li hija kumpannija Amerikana, tieħu ħsieb ħafna tal-ħaddiema tagħha, u qal li qabel ma l-ħaddiema tagħha jintbagħtu barra minn Malta fuq xogħol, issir *due diligence* fuq is-sikurezza tal-pajjiż, sabiex jiġi assigurat li l-ħaddiema tagħha ma jitpoġġewx f'periklu bla bżonn.[38] Ix-xhud għamel riferiment għall-ittra li permezz tagħha l-attur irtira mix-xogħol, u qal li mkien f'din l-ittra ma ġie indikat mill-attur li kien hemm xi nuqqasijiet min-naħa tal-kumpannija konvenuta, u kieku kien hemm xi nuqqasijiet kienu jittieħdu passi dixxiplinjarji f'dak ir-rigward. Ix-xhud qal ukoll

[37] *A fol.* 314 tal-proċess.

[38] Fi kliem ix-xhud: "Nagħmlu l-*insurance* kif tikkoverjahom u fejn sejrin, inpoġġuhom fl-aħjar *hotels,* intuhom l-*ispending money,* neħdulhom ħsieb it-*taxis* u nkunu *on call* il-ħin kollu magħhom. Apparti li nħallsulhom il-*mobile* u nagħtuhom il-*computer* biex ħadd ma jieħu l-idea li l-Methode ma tiħux ħsieb in-nies. ... Il-postijiet huma dawn, il-Japan, Hong Kong, Shangai, China, Filippini, Poland ... Kollha fejn għandhom *airports* normali għax aħna niċċekkjaw l-*airport,* nagħmlu *due diligence* u aħna kumpannija Amerikana. Ikollna ħafna kuntatt ma' *corporate* li per eżempju, jekk ikun hemm pajjiż perikoluż aħna ma nibagħtux nies hemm. ..."

li wara li l-attur irtira minn mal-kumpannija konvenuta, ma ġie ffirmat l-ebda kuntratt jew ftehim ieħor li jistipula li l-attur kellu jingħata xi konsulenza, u hu qatt ma ntalab iħallas lill-attur għal xi ħaġa. Ix-xhud żied jgħid li tul iż-żmien meta l-attur kien impjegat ma' Methode Electronics, dan qatt ma semma li kien fi ħsiebu jagħmel xi *claim* taħt il-polza tal-assikurazzjoni minħabba problemi ta' saħħa. Qal li meta persuna tiftaħ *claim,* min-naħa ta' HSBC Life Assurance (Malta) Limited isir kuntatt miegħu sabiex jipprovdi d-dokumenti u d-dettalji relattivi dwar il-persuna li tagħmel il-*claim,* u dan sabiex Elenio Grech min-naħa ta' HSBC Life Assurance (Malta) Limited ikun jista' jinvestiga. Żied jgħid li f'kull każ l-impjegat jitpoġġa f'kuntatt mal-*insurer* sabiex dawn jibnu relazzjoni personali bejniethom. Ix-xhud ikkonferma li n-natura tal-polza u tal-kopertura kienu tali li l-impjegat kellu jagħmel il-*claim* permezz tal-kumpannija li kien impjegat magħha. Lix-xhud sarlu suġġeriment mill-avukat difensur tal-attur, li l-attur qabel spiċċa mill-impjieg tiegħu, kien talab l-assistenza tiegħu rigward il-*claim* li kien ser iressaq lis-soċjetà assikuratriċi, iżda x-xhud qal li kollox kien seħħ wara li l-attur kien spiċċa mill-impjieg.

Il-kontroeżami tal-attur **Raymond Grasso** sar waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar, 2018[39], fejn ikkonferma li kien għamel għadd ta' snin jaħdem mal-kumpannija Hetronic Malta, u kien iwieġeb lil Simon Grima, li kien il-boss tiegħu f'Malta, u lil Eric Kansburgh, li kien il-boss tiegħu fl-Amerka. L-attur kkonferma li l-kumpannija Methode Electronics kienet akkwistat lil Hetronic fis-sena 2008. L-attur qal li f'dak iż-żmien hu kien impjegat bħala *global strategic manager,* u f'dan ir-rwol il-portafoll tiegħu kien vast ħafna. L-attur qal li anki fiż-żmien meta huwa kien impjegat ma' Hetronic Malta, kien isiefer fuq xogħol, u f'dan iż-żmien il-kumpannija kienet esprimiet ix-xewqa li l-akkwist tal-materjali ma

[39] *A fol.* 320A tal-proċess.

jibqax isir minn swieq Ewropej iżda jibda jsir mill-Asja fejn il-prezz tal-materja prima kien orħos. L-attur qal li waqt is-safar hu kien jesperjenza sitwazzjonijiet u realtajiet differenti minn dawk li kien imdorri bihom. Qal ukoll li dawn ir-realtajiet kienu magħrufa mid-diriġenti tal-kumpannija, iżda huwa qatt ma għamel rapporti formali dwar dan. Lix-xhud sarlu riferiment għal dak li qal fl-*affidavit* tiegħu li kien hemm diversi drabi meta nhar ta' Tnejn ma felaħx imur ix-xogħol u kien jinforma lill-kumpannija li ma kienx ser jirrapporta għax-xogħol, mentri mil-*leave record* esebit jirriżulta li ftit kienu l-ġranet meta l-attur ħa *leave* jew *sick leave,* u fit-tmiem tal-impjieg tiegħu kien tħallas ta' disa' ġimgħat *leave* li ma kienx ħa waqt li kien għadu impjegat mal-kumpannija. B'riferiment għad-deċiżjoni tiegħu li jirreżenja mill-impjieg mal-kumpannija, l-attur qal li meta sab ruħu f'sitwazzjoni fejn kellu jirrapporta direttament lil Charles Caruana, hu ħass li ma setax jaħdem miegħu. Żied jgħid li f'dak iż-żmien hu diġà kien għaddej minn tbatija fiżika u kien qiegħed iħossu li qed jgħejja. L-attur ikkonferma li hu qatt m'għamel rapport la dwar il-'*bullying'* li hu jallega li kien soġġett għalih, u lanqas dwar l-istat ta' saħħtu. B'riferiment għall-konsulenzi li l-attur jallega li ntalab jagħti wara li rtira mix-xogħol, l-attur qal li huwa kien intalab iressaq xi proposti jew ideat dwar metodi ġodda li setgħet topera bihom is-soċjetà konvenuta. L-attur qal ukoll li kien għażel li ma jkomplix jaħdem mal-kumpannija konvenuta minħabba li ma bediex isib appoġġ u jingħata widen. L-attur qal li kien iltaqa' ma' David Parnis fil-preżenza ta' Cornelia Camilleri fl-20 ta' Marzu, 2014, u dakinhar hu kien spjega r-raġunijiet ta' saħħa u raġunijiet oħra li minħabba fihom kien qiegħed ifittex li jtemm l-impjieg tiegħu minn mal-kumpannija. L-attur qal ukoll li meta ddiskuta s-sitwazzjoni tiegħu ma' Dr. Khoury, u dan talbu jibda jagħti servizzi ta' konsulenza, ma kienux iddiskutew r-rati u d-dettalji ta' kif l-attur kellu jiġu

kkumpensat għall-konsulenzi li ntalab jagħmel. Qal biss li minħabba fid-diffikultà li kellu li ma setax jaħdem minħabba li kien ser jirtira sena qabel jilħaq l-età tal-irtirar, Dr. Khoury kien wegħdu li kien hemm modi kif dik il-problema setgħet tiġi sorvolata.

Il-kumpannija konvenuta Methode Electronics ippreżentat għadd ta' dokumenti permezz ta' nota tas-16 ta' Frar, 2018[40], fosthom kopja ta' korrispondenza li kien hemm bejn David Parnis u rappreżentanti ta' HSBC Life Assurance (Malta) fir-rigward tal-*claim* li l-attur għamel taħt il-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni.

Fil-5 ta' Marzu, 2018, l-attur ippreżenta rikors li permezz tiegħu talab lill-Qorti taħtar espert mediku sabiex wara li jeżaminah, ikun jista' jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tiegħu fid-dawl tat-talbiet attriċi u taċ-ċertifikati u r-rapporti mediċi li jinsabu in atti, u ġie suġġerit li jinħatar ir-rewmatologu **Dr. Bernard Coleiro** għal dan il-għan.[41] Il-Qorti, permezz ta' digriet tat-28 ta' Marzu, 2018, laqgħet it-talba tal-attur.

Permezz ta' nota tal-4 ta' Mejju, 2018, is-soċjetà konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited ippreżentat l-*affidavit* ta' **Mario Fenech**[42], li qal li huwa jokkupa l-kariga ta' *insurance claims manager* mal-istess kumpannija. Spjega li l-HSBC Life Assurance (Malta) Limited kienet ħarġet polza tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja favur il-kumpannija Methode Electronics Malta Limtied, li permezz tagħha l-impjegati ta' Methode Electronics kienu eliġibbli għal ċerti ħlasijiet skont it-termini tal-polza. Ix-xhud qal li l-ewwel darba li

[40] *A fol.* 323 tal-proċess.
[41] *A fol.* 325 tal-proċess.
[42] *A fol.* 341 tal-proċess.

HSBC Life Assurance (Malta) kienet ġiet a konjizzjoni tal-każ tal-attur kien lejn nofs is-sena 2013, wara li l-istess attur ġie riferut lil HSBC Life Assurance (Malta) minn Methode Electronics fejn kien impjegat. Ix-xhud qal li huwa kien iltaqa' mal-attur l-ewwel darba fl-1 ta' Awwissu, 2014 sabiex ikun f'pożizzjoni li jevalwa l-*claim* tiegħu. Ix-xhud qal li l-ilmenti tal-attur kienu bbażati u marbuta prinċipalment ma' dipressjoni fuq ix-xogħol u kien qed jiddejjaq jidħol għax-xogħol minħabba li, kif huwa sostna, kien qiegħed jiġi '*bullied*' minn kollegi tiegħu li kienu qegħdin jagħmlulu ħajtu diffiċli. Ix-xhud qal li f'dak l-istadju l-attur qatt ma semma xi kundizzjoni li kienet qed timpedih milli jattendi fuq il-post tax-xogħol. L-attur kien semma li kellu xi ftit artrite fi spalltu minħabba l-vjaġġi twal li kien jagħmel bħala parti mix-xogħol tiegħu u li kellu xi ħaġa li kienet iddejjqu fl-istonku, imma xejn minn dakollu ma kien waqfu milli jidħol jaħdem. Ix-xhud qal li minn dak li ġie spjegat mill-attur, ma kien hemm xejn li jikkwalifika bħala diżabilità koperta bil-polza. Qal li anki r-rapport ipprovdut mit-tabib kuranti tal-attur Dr. Paul Chetcuti Caruana ma kien fih xejn li jwassal għall-konklużjoni li l-*claim* tal-attur kienet koperta bit-tip ta' polza li kellha l-kumpannija Methode Electronics Malta. Ix-xhud żied jgħid li minkejja dak li kien jidher mad-daqqa t'għajn, HSBC Life Assurance (Malta) kienet bagħtet ittra lil Dr. Chetcuti Caruana sabiex dan jipprovdi aktar dettalji dwar dak li kien għaddej minnu l-attur, sabiex isiru investigazzjonijiet ulterjuri dwar it-talba tal-attur u jekk dawn kinux jaqgħu taħt il-polza inkwistjoni. Ix-xhud kompla jgħid li wara li kienet ġiet skambjata aktar korrispondenza, l-attur kien ġie mgħarraf permezz ta' ittra tat-2 ta' Marzu, 2015, li s-sintomi li kien qiegħed jilmenta minnhom, fosthom *foraminal stenosis, impingement of the nerve rot, gastric acidity* u *reactive depression,* ma kinux koperti bil-polza. Żied jgħid li l-attur kien irreaġixxa għal dan permezz

ta' ittra tas-7 ta' April, 2015, fejn allega li HSBC Life Assurance (Malta) ma kinitx tat biżżejjed piż għall-allegazzjoni tiegħu li kien soġġett għal '*bullying'* fuq il-post tax-xogħol u għalhekk ma kellux għażla ħlief li jirriżenja minħabba fl-istress li beda jħoss. L-attur allega li minħabba s-sitema tal-arja kondizzjonata fl-uffiċċji tal-kumpannija konvenuta, kien spiċċa jbati bl-artrite, kundizzjoni din li wkoll ma kinitx koperta bil-polza. Ix-xhud spjega li f'korrispondenza sussegwenti li kien hemm mal-attur, kienet inġibdet l-attenzjoni tiegħu għall-fatt li meta l-attur staqsa dwar l-eliġibilità tiegħu taħt il-polza tal-assikurazzjoni minħabba f'*permanent total disability,* l-attur kien ilmenta biss minn stress u dipressjoni riżultat tal-ambjent tax-xogħol, u kien għalhekk li kien ġie infurmat li ma kienx kopert taħt il-polza. Ix-xhud qal li kien biss wara li HSBC Life Assurance (Malta) Limited kienet ġiet nfurmata li l-attur kien qiegħed jilmenta minn ulċera fl-istonku u minn artrite f'għonqu. HSBC Life Assurance (Malta) Limited kienet ġiet infurmata wkoll li l-attur kien ittermina l-impjieg tiegħu minn ma' Methode Electronics Malta għax kien laħaq l-età tal-irtirar u mhux minħabba xi diżabilità li ġiegħlitu jieqaf mix-xogħol. Ix-xhud żied jispjega li biex wieħed jikkwalifika għal benefiċċju taħt il-polza minħabba *permanent total disability,* il-persuna kellha ssofri inċident li minħabba fih ma tkunx tista' tkompli fix-xogħol tagħha.[43] Ix-xhud qal li HSBC Life Assurance (Malta) kienet osservat kif minkejja l-ilmenti kollha li għamel l-attur, dan kien baqa' fl-impjieg sakemm laħaq l-età tal-irtirar, kif ukoll kien lest li jerġa' jaħdem mal-kumpannija konvenuta bħala konsulent anki wara li rtira mill-impjieg, u għalhekk il-*claims* tal-attur ma jistgħux jitqiesu li huma koperti bl-imsemmija polza tal-assikurazzjoni. Flimkien mal-*affidavit* tiegħu, ix-xhud

[43] Il-polza tgħid: *"[t]he disability is considered Total when the Life Insured is unable to perform his own occupation or any occupation for which he is reasonably qualified by training, education, or experience provided that (a) the Policy is in force at the date of the assured first becoming disabled, (b) the first day of disability occurred prior to the attainment of the age of 60, (c) the life assured has been disabled and totally unable to follow his normal occupation for a period of six (6) consecutive months. A deferred period of twelve (12) months will apply ..."*

ippreżenta kopja ta' korrispondenza skambjata bejn il-partijiet fir-rigward tal-*claim* tal-attur[44] u kopja tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza.[45]

Il-kontro-eżami tal-attur tkompla waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2018[46], fejn ikkonferma li kien irtira mix-xogħol fil-15 ta' Ġunju, 2014. Qal li l-ewwel darba li kien tkellem ma' Dr. Khoury u dan kien offrielu l-possibilità li jibqa' jaħdem mal-kumpannija konvenuta fuq bażi ta' konsulenza, kien f'April tal-2014, u dawn id-diskussjonijiet tkomplew anki wara d-data tal-irtirar tiegħu f'Ġunju tal-2014. L-atrtur żied jispjega li fl-ewwel laqgħa li kellu ma' Dr. Khoury f'April tal-2014, dan kien qallu li l-kumpannija kellha bżonn bniedem kalm bħalu biex jibqa' jagħmel ċertu tip ta' xogħol, u hu min-naħa tiegħu ħass li b'sens ta' rispett kellu jaċċetta. B'riferiment għall-problemi ta' saħħa li wassluh biex jirriżenja mill-impjieg tiegħu, l-attur qal li l-konsulenza li ntalab jagħti minn Dr. Khoury kienet tinvolvi xogħol mid-dar, fil-ħin tiegħu u mingħajr ebda pressjonijiet, taħbit jew ġiri. Qal li meta reġa' beda jagħmel xi xogħol u sab li kellu jħabbat wiċċu mal-istess nies u reġa' beda jsib ħafna problemi oħra fuq il-post tax-xogħol tiegħu, iddeċieda li jieqaf minħabba li l-istress ma jagħmillux tajjeb.

L-espert mediku ġudizzjarju **Dr Bernard Coleiro**, ippreżenta r-rapport tiegħu permezz ta' nota tal-20 ta' Novembru, 2018[47], fejn kkonstata li l-attur beda jħoss ċerti problemi f'saħħtu fis-sena 2011. Fir-rapport tiegħu Dr. Coleiro jikkonstata li wieħed mis-sintomi ewlenin li kellu l-attur kien l-uġigħ f'diversi partijiet ta' ġismu, u nuqqas ta' irqad fil-fond. B'żieda ma' dan, l-attur beda jitlef mill-ħeġġa biex jagħmel ix-xogħol fid-dar u fil-komunità u beda jsibha

[44] *A fol.* 347 tal-proċess.
[45] *A fol.* 352 tal-proċess.
[46] *A fol.* 370 tal-proċess.
[47] *A fol.* 383 tal-proċess.

diffiċli biex jikkonċentra fuq ix-xogħol. Sintomi oħra kienu jinkludu sturdament, ġbid fis-swaba' ta' jdejh, sogħla vojta, nuqqas ta' aptit u ħruq fl-istonku. Dawn is-sintomi kienu jiżdiedu wara vjaġġi fit-tul lejn postijiet bħall-Asja u l-Filippini. Dr Coleiro qal li wara li eżamina lill-attur u ra r-riżultati tat-testijiet mediċi kollha li saru fuqu, seta' jistabbilixxi li dan qiegħed ibati mill-marda tal-*fibromyalgia,* u din il-marda ħalliet effett fuq il-ħajja privata u fuq ix-xogħol tal-attur, fosthom għax waqt li l-attur kien iqatta' sigħat twal quddiem kompjuter, kien jaqbdu ġbid u bugħawwieġ fis-swaba' ta' jdejh, u anki l-iċken ħoss kien itellfu. Ix-xhud spjega li s-sensittività għall-ħsejjes hija tipika ta' min ibati mill-*fibromyalgia.* L-espert mediku ġudizzjarju kkonkluda r-rapport tiegħu billi qal li minħabba fil-kundizzjoni li żviluppa, l-attur ma felaħx aktar għal vjaġġi fit-tul li kienu qegħdin jiggravaw is-sintomi tiegħu, u fid-dawl ta' dan hu kien iddeċieda li jieqaf mix-xogħol.

L-eskussjoni tal-espert mediku ġudizzjarju **Dr Bernard Coleiro** saret waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2019[48], fejn dan ikkonferma li l-ewwel darba li ltaqa' mal-attur kien f'Ottubru tal-2018. Ix-xhud ikkonferma li meta fir-rapport tiegħu rrefera għas-sintomi li l-attur kien qed jilmenta minnhom, huwa qagħad ħafna fuq dak li qallu l-attur. B'riferiment għall-fatt li t-testijiet mediċi u kliniċi li jsiru fuq persuni li jbatu mill-*fibromyalgia* jkunu normali, ix-xhud spjega li t-testijiet konvenzjonali li jsiru għandhom il-limitazzjonijiet tagħhom, minħabba li dawn ħafna drabi ma jagħtux indikazzjoni tal-kimiki li jaħdmu fuq in-nervituri, u r-riċerka tindika li l-*fibromyalgia* ħafna drabi tkun riżultat ta' żbilanc fil-kimiki tan-nervituri. Ix-xhud qal li din it-tip ta' kundizzjoni taffettwa l-funzjonament tal-ġisem kollu u l-attur spjegalu li kien għalhekk li ma setax ikompli jaħdem. Ix-xhud qal li d-diżabilità li sofra minnha l-attur minħabba

[48] *A fol.* 397 tal-proċess.

f'din il-kundizzjoni hija ta' mija fil-mija (100%). Ix-xhud spjega wkoll li bejn il-kundizzjoni tal-*fibromyalgia* u l-ansjetà hemm korrelazzjoni, u qal li hemm karatteristiċi tal-*fibromyalgia* li jaffettwaw il-funzjonament tal-ġisem anki minħabba li l-persuna affettwata ma tkunx tista' torqod u tistrieħ tajjeb matul il-lejl.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-provi voluminużi li jinsabu fl-atti, sabiex setgħet tiddetermina jekk it-talbiet tal-attur għandhomx jiġu milqugħa. L-attur kien impjegat mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, wara li għal għadd ta' snin kien impjegat ma' kumpannija oħra bl-isem ta' Hetronic Malta Limited. Il-kumpannija Hetronic Malta Limited kienet ġiet akkwistata mill-kumpannija Methode Electronics Malta Limited fis-sena 2008, bir-riżultat li l-attur baqa' jaħdem fit-taqsima ta' Hetronic Malta fi ħdan il-kumpannija Methode Electronics Malta Limited. Tul is-snin li matulhom l-attur kien impjegat ma' dawn il-kumpanniji, huwa okkupa diversi rwoli maniġerjali, fosthom bħala *purchasing executive,* bħala *logistics manager* u bħala *group strategic sourcing manager,* fejn kellu diversi responsabbilitajiet għax-xiri u l-akkwist ta' materja prima li l-kumpanniji li kien impjegat magħhom kienu jeħtieġu fil-linji tal-produzzjoni tagħhom. Fost ir-responsabbilitajiet tal-attur, dan kellu wkoll ir-responsabbilità li jassigura li jġib l-aħjar prezzijiet għall-kumpannija konvenuta, li hija kumpannija li topera f'suq kompetittiv ħafna. Il-Qorti semgħet kif ix-xogħol tal-attur kien jirrikjedi sigħat twal u safar fit-tul, diversi drabi f'pajjiżi barra mill-Ewropa, minn fejn ix-xiri tal-materja prima seta' jsir bi prezzijiet ferm aktar vantaġġjużi mill-Ewropa. Fix-xhieda tiegħu l-

attur qal li kien iħobb ix-xogħol tiegħu u kien jagħmlu b'sens ta' mpenn u lealtà, anki jekk it-tul ta' ħin imbiegħed mill-familja tiegħu kien qiegħed iħalli effett fuq il-ħajja personali u familjari tiegħu, kif ukoll fuq saħħtu. L-attur spjega kif l-ewwel inkwiet li kellu jħabbat wiċċu miegħu feġġ fis-sena 2006 meta kien għadu impjegat ma' Hetronic Malta Limited u kien ġie infurmat mill-Inġinier Simon Grima, li l-attur kien jirrapporta lilu, li kien ser ikun hemm xi ċaqliq tal-ħaddiema li kien responsabbli minnhom l-attur, u l-attur tneħħewlu wkoll xi faċilitajiet li kellu. Dak iż-żmien l-Inġinier Grima kien infurmah ukoll li kummissjoni ta' wieħed fil-mija (1%) li l-attur jgħid li kien intitolat għaliha dak iż-żmien, ma kinitx ser tingħatalu, u qal li dan kollu lilu affettwah negattivament, kemm bħala moral kif ukoll mil-lat finanzjarju. Mill-provi jirriżulta li fis-sena 2008 il-kumpannija Hetronic Malta Limited ġiet akkwistata mill-kumpannija Methode Electronics Malta, u l-attur kien ġie ttrasferit mit-Technopark tal-Mosta għall-fabbrika ta' Methode Electronics fl-Imrieħel, fejn l-uffiċċju li ngħata kien wieħed espost għall-istorbju, b'sistema tal-arja kundizzjonata li ma kinitx tiffunzjona tajjeb, u fejn il-faċilitajiet kienu antiki meta mqabbla ma' dawk li kien imdorri jaħdem bihom l-attur. L-attur semma diversi episodji li qal li kkawżawlu stress u tensjoni żejda fuq il-post tax-xogħol, fosthom episodju fejn xi ħadd kien qallu biex joqgħod attent għax kien hemm min ried ikeċċih mill-impjieg, sitwazzjonijiet fejn hu għamel proposti li ma ġewx aċċettati mill-kumpannija Methode minkejja li hu kien konvint mill-validità ta' dak li kien qiegħed jipproponi, u sitwazzjonijiet fejn fuq il-post tax-xogħol kien soġġett għal '*bullying*', li wkoll affettwawh f'saħħtu. B'żieda ma' dan, l-attur qal li l-istress tas-safar f'pajjiżi mbiegħda fejn l-ikel, il-klima, l-ambjent u l-kultura huma differenti minn dawk li hu mdorri bihom, ilkoll ħallew effett fuq saħħtu. L-attur qal li f'Awwissu tas-sena 2012 kien beda

jħoss ċerti sintomi u wġigħ li minħabba fihom irrikorra għand it-tabib tal-familja Dr Paul Chetcuti Caruana, li mill-ewwel stabbilixxa li l-attur kien qiegħed juri sintomi ta' *reactive depression.* Minkejja dan, l-attur baqa' jmur ix-xogħol regolarment, baqa' jsiefer fit-tul u jirriżulta wkoll li huwa qatt ma lmenta ma' ħadd mis-superjuri tiegħu dwar inġustizzji li allegatament kien qiegħed isofri fuq il-post tax-xogħol, jew li l-ambjent li nħoloq fuq il-post tax-xogħol kien qiegħed jaffettwalu ħajtu negattivament. Jirriżulta wkoll li l-attur baqa' jaċċetta impenji ta' safar fit-tul, u dan minkejja li s-sintomi ta' għeja, uġigħ u nuqqas ta' saħħa li skont hu baqgħu jippersistu. F'Lulju tal-2012, l-attur flimkien mal-impjegati l-oħra ta' Methode Electronics Malta Limited, kien ġie infurmat li l-kumpannija kienet kopriet lill-impjegati tagħha b'polza tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja permezz ta' polza ma' HSBC Life Assurance (Malta) Limited. Mill-provi jirriżulta li kien f'Awwissu tal-istess sena li l-attur beda jħoss l-ewwel sintomi li wassluh biex ifittex għajnuna medika. L-attur spjega kif l-istat ta' saħħtu baqa' sejjer lura, u f'Marzu tal-2014 kien informa lill-kumpannija Methode Electronics Malta Limited li kien fi ħsiebu jirtira mill-impjieg f'dik is-sena stess. Fil-fatt l-attur l-aħħar li kien ħadem kien f'April tal-2014, u wara ħa 360 siegħa *leave* li kellu akkumulati, total ta' disa' ġimgħat, sabiex l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu kienet fil-15 ta' Ġunju, 2014, lejlet il-ġurnata meta l-attur għalaq il-wieħed u sittin (61) sena tiegħu. Mill-provi rriżulta li minkejja li għal persuni li bħall-attur twieldu fis-sena 1953, l-età tal-irtirar kienet dik ta' tnejn u sittin (62) sena, madanakollu d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kien informa lill-attur li jekk jieqaf jaħdem mal-wieħed u sittin (61)sena, huwa xorta waħda kien ser jibda jirċievi l-pensjoni għax kellu biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsin.

Jirriżulta mill-provi li għad li l-attur ħass li kellu jikteb ittra ta' ringrazzjament lill-kumpannija Methode Electronics (Malta) Limited wara li kien spiċċa mill-impjieg, u minkejja li huwa qatt ma għamel xi tip ta' rapport jew ilment formali dwar it-trattament inġust li lmenta minnu tul dawn il-proċeduri, ftit tal-ġranet biss qabel spiċċa mill-impjieg, f'April tal-2014, kien talab laqgħa ma' Dr Joseph E. Khoury, direttur tal-kumpannija Methode Electronics Malta Limited, fejn tkellem miegħu dwar il-fatt li hu kien qiegħed iħossu kostrett li jirriżenja mill-impjieg tiegħu minħabba f'diversi inġustizzji li jgħid li sofra u minħabba l-istat ta' saħħtu. L-attur qal li kien waqt din il-laqgħa li Dr Khoury kien staqsieh jekk kienx interessat li wara li jitlaq mill-impjieg, jibda joffri servizzi ta' konsulenza lill-kumpannija. Il-Qorti semgħet lil Dr Khoury jixhed kif il-kumpannija konvenuta għandha diversi arranġamenti bħal dawn ma' eks impjegati tagħha, iżda dan qal ukoll li huwa xtaq li l-attur jgħidlu b'liema mod seta' jkompli jkun ta' għajnuna għall-kumpannija konvenuta. L-attur min-naħa tiegħu qal li l-pjanijiet oriġinali tiegħu kienu li hu jibqa' jaħdem sal-età ta' ħamsa u sittin (65) sena, iżda sab ruħu f'sitwazzjoni fejn minħabba l-istat ta' saħħtu, kien kostrett jirtira ta' wieħed u sittin (61). Qal ukoll li hu kien ġie mgħarraf li minħabba li kien qiegħed jirtira għax kellu biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali imħallsin, huwa ma setax jaħdem għal żmien ta' sena, sakemm jagħlaq l-età ta' tnejn u sittin (62) sena. Fix-xhieda tiegħu l-attur qal li meta informa lil Dr Khoury b'din id-diffikultà, dan kien qallu li din il-problema setgħet tiġi sorvolata, billi l-ħlasijiet dovuti lill-attur għal kwalunkwe xogħol ta' konsulenza li seta' jsir minnu, setgħu jsiru wara li huwa jagħlaq l-età ta' tnejn u sittin (62) sena. Madanakollu l-attur ikkonferma li huwa ma kienx ifformalizza xi tip ta' ftehim mal-kumpannija konvenuta dwar il-ħlas li kellu jirċievi għal dawn is-servizzi ta' konsulenza. L-attur qal

ukoll li minkejja li kien għamel perijodu ta' xahrejn jaħdem mid-dar wara li kien irtira, fejn ħejja għadd ta' proposti li setgħu jiġu adottati mill-kumpannija, u li kieku ġew adottati din setgħet tiffranka ħafna flus, kif ukoll kien attenda għal xi żewġ laqgħat fl-uffiċċji tas-soċjetà konvenuta Methode Electronics, huwa ma kienx tħallas għal dan ix-xogħol li sar minnu wara li kien irtira mill-impjieg tiegħu. L-attur qal li meta attenda għal laqgħat fl-uffiċċji tal-kumpannija għall-iskopijiet tal-konsulenza, huwa kellu jerġa' jħabbat wiċċu mal-istess nies u mal-istess sitwazzjonijiet li affettwawlu saħħtu negattivament u li minħabba fihom kien kostrett li jitlaq mill-impjieg, u kien għalhekk li f'Ottubru tal-istess sena huwa kien informa lill-kumpannija konvenuta Methode Electronics li ma kienx ser ikompli jagħti servizzi ta' konsulenza. Il-Qorti semgħet lil Dr Khoury jgħid kif minkejja li jista' jkun li hu minnu li l-attur ressaq għadd ta' proposti li setgħu jiġu attwati mill-kumpannija konvenuta, dawn il-proposti ma kellhom l-ebda valur kummerċjali għall-kumpannija, u ma kinux ġew attwati. Ix-xhud Charles Caruana wkoll ikkonferma li minkejja li l-attur kien attenda għal żewġ laqgħat fejn ġew diskussi l-proposti mħejjija minnu, madanakollu l-attur irrifjuta li jkun hu li jkompli jmexxi dawn l-ideat 'il quddiem u jgħaqqad tim ta' nies li setgħu jaħdmu fuqhom. Dan l-istess xhud qal li l-kumpannija konvenuta kellha problema ta' nuqqas ta' riżorsi umani, xi ħaġa kienet magħrufa mill-attur, u għalhekk ma kienx hemm mod kif setgħu jinstabu n-nies li setgħu jaħdmu fuq il-proposti tal-attur jekk ma jkunx hu li jmexxihom 'il quddiem. Kien għalhekk li dawn il-proposti baqgħu ma tmexxewx 'il quddiem.

Mill-provi rriżulta wkoll li s-sintomi ta' għeja, uġigħ, nuqqas ta' ħeġġa u kundizzjonijiet oħra li beda jesperjenza l-attur fl-aħħar snin tax-xogħol tiegħu, kienu kkawżati mill-kundizzjoni tal-*fibromyalgia.* Dan ġie stabbilit wara li saru

diversi testijiet fuq l-attur u ġew eliminati diversi kundizzjonijiet u mard ieħor li jippreżentaw l-istess sintomi. L-espert mediku ġudizzjarju Dr Bernard Coleiro stabbilixxa li kienet din il-kundizzjoni u l-mod kif din bdiet tipprogressa fl-attur li wasslet biex dan jieqaf mix-xogħol minħabba li saħħtu ma baqgħetx tippermettilu li jibqa' jaħdem, anki jekk din id-deċiżjoni kienet tmur kontra x-xewqat tal-attur li kien intenzjonat li jibqa' jaħdem għal aktar snin. L-espert mediku ġudizzjarju Dr Bernard Coleiro wera l-fehma li f'dan il-każ l-attur qiegħed ibati minn diżabilità permanenti li affettwatu mija fil-mija (100%) minħabba li min ibati minn kundizzjoni bħalma hi l-*fibromyalgia,* jsib ruħu f'sitwazzjoni fejn minkejja li forsi jixtieq ikompli għaddej b'ħajtu, is-sintomi li jħoss u d-diversi aspetti tal-marda jinabilitawh milli jagħmel dan.

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tillikwida l-kumpens li jippretendi li huwa dovut lilu wara li ppresta servizzi ta' konsulenza lill-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited hekk kif l-impjieg tiegħu mal-kumpannija konvenuta ġie fi tmiemu, kif ukoll qiegħed jitlob il-likwidazzjoni tad-danni li jippretendi li huma dovuti lilu wara li allega li hu kien kostrett jirtira mix-xogħol qabel laħaq l-età qabel l-età massima tal-pensjoni tiegħu minħabba inġustizzji li beda jiffaċċja fil-post tax-xogħol tiegħu. Talba oħra li qiegħed iressaq l-attur hija fil-konfront tal-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited, fejn qiegħed jippretendi li din il-kumpannija għandha tikkumpensah *ai termini* tal-polza tal-assikurazzjoni maħruġa mill-konvenuta Methode Electronics Malta Limited għall-benefiċċju tal-impjegati tagħha, peress li huwa qiegħed isofri minn debilità f'saħħtu li minħabba fiha ma setax ikompli jaħdem. L-attur jikkontendi li peress li l-inġustizzji li sofra fuq il-post tax-xogħol tiegħu affettwawlu saħħtu negattivament, u kien għalhekk li kellu jieqaf jaħdem ferm qabel kien qiegħed jippjana li jagħmel dan, bir-

riżultat li fl-età ta' wieħed u sittin sena (61) huwa sab ruħu f'sitwazzjoni fejn kellu jgħaddi bil-pensjoni tal-irtirar, minflok b'salarju li kien jirrifletti l-grad u n-natura ta' responsabbiltajiet li kellu l-attur fix-xogħol tiegħu.

L-ewwel talba tal-attur hija għall-ħlas ta' kumpens li huwa jippretendi li huwa dovut lilu wara li għal perijodu ta' xahrejn ippresta servizzi ta' konsulenza lill-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, u ppreżentalha għadd ta' proposti, li skont l-attur li kieku ġew milqugħa, kellhom il-potenzjal li jwasslu lill-kumpannija konvenuta biex tiffranka ammonti sostanzjali ta' flus. L-attur ma kkwantifikax l-ammont ta' sigħat li dam jaħdem fuq dawn il-proposti, u qal biss li hu kien jaħdem mid-dar, fejn ma kellux aċċess għad-*database* u għal informazzjoni rilevanti oħra li baqgħet fil-pussess tal-kumpannija konvenuta. Jirriżulta wkoll li minkejja li meta l-attur attenda għal żewġ laqgħat ma' Charles Caruana fl-uffiċċji tal-kumpannija Methode, ħareġ ċar li l-kumpannija konvenuta ma kellhiex ir-riżorsi neċessarji x'talloka għal dak li ġie propost mill-attur, u jekk l-attur xtaq li jimplimenta l-proposti imfassla minnu, kellu jkun l-attur li jgħaqqad tim ta' persuni u flimkien jaħdmu sabiex il-proposti tiegħu jkunu jistgħu jibdew jiġu attwati. Jirriżulta wkoll li meta l-attur sar jaf li f'dan ix-xogħol ta' konsulenza kien ser jerġa' jibda jaħdem ma' Charles Caruana, li l-attur qal li ma kellux relazzjoni tajba miegħu, l-attur kien tal-fehma li jekk jerġa' jibda jħabbat wiċċu mal-istess persuni u sitwazzjonijiet, saħħtu kienet ser tkompli tiġi affettwata negattivament. Jirriżulta wkoll li minkejja dak li ġie allegat mill-attur, il-kumpannija konvenuta qatt ma fformalizzat miegħu xi tip ta' ftehim dwar l-ammont ta' sigħat li huwa kellu jaħdem, u b'liema mod dan kien ser jitħallas. Dak li seta' ntqal bejn l-attur u Dr Joseph Khoury baqa' qatt ma ġie formalizzat bi ftehim bil-miktub, u jirriżulta li minkejja li Dr Joseph Khoury kien baqa' dispost li jgħin lill-attur u li

jagħtih l-opportunità li jagħmel xi tip ta' xogħol wara li kien ittermina l-impjieg li kellu mal-kumpannija, l-istess Dr Khoury kien iddiskuta s-sitwazzjoni ma' esponenti oħra tal-kumpannija, li lkoll kienu tal-fehma li ma kienx għad hemm il-ħtieġa għas-servizzi li kien dispost li jipprovdi l-attur. L-attur donnu qiegħed jippretendi li għal dawk ix-xahrejn li allegatament baqa' jaħdem bħala konsulent mal-kumpannija konvenuta, huwa għandu jirċievi ħlas bl-istess rata li kien jirċievi li kieku baqa' impjegat regolari mal-kumpannija Methode. Il-Qorti tqis li ma nġabet l-ebda prova dwar l-ammont ta' sigħat li l-attur ħadem bħala konsulenza għall-benefiċċju tal-kumpannija Methode Electronics Malta Limited. Bl-istess mod ma tressqet ebda prova dwar eżattament fiex kien jikkonsisti x-xogħol ta' konsulenza li għamel l-attur f'dak iż-żmien u b'liema mod dan ix-xogħol kien ta' benefiċċju għall-kumpannija. Inoltre jirriżulta li minkejja li l-konvenuta Methode Electronics Malta Limited kienet disposta li tagħti l-opportunità lill-attur li jibqa' jkun ta' servizz għaliha, dan ried jaħdem biss bil-kundizzjonijiet tiegħu, fil-ħin li xtaq hu, mal-persuni li jidhirlu hu, u jagħmel biss dak ix-xogħol li ried jagħmel hu, għax la ried isiefer u lanqas ried ikollu x'jaqsam aktar ma' ċerti persuni. Il-Qorti fehmet li kien għalhekk li l-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, minkejja li min-naħa l-waħda ma xtaqitx titlef is-snin ta' esperjenza li kellu l-attur li ċertament tul il-karriera tiegħu swew ħafna lill-kumpannija konvenuta, min-naħa l-oħra din sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn dak li kien dispost li joffri l-attur ma kellu l-ebda valur kummerċjali għaliha, u għalhekk il-ftehim dwar il-konsulenza li l-attur seta' jipprovdi, baqa' ma ġiex ifformalizzat. Fin-nuqqas ta' provi dwar jekk is-servizzi li l-attur qiegħed jippretendi il-ħlas tagħhom, ġewx ipprestati jew le, il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra ħlief li tiċħad l-ewwel talba tal-attur.

Permezz tat-tieni talba tiegħu l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu meta kien kostrett jieqaf mix-xogħol qabel l-età massima tal-pensjoni, liema danni l-attur jgħid li huma ekwivalenti għas-salarju u l-*performance bonuses* li kien jieħu mingħand il-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited li kieku baqa' impjegat magħha. Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-attur xehed f'ċertu dettall dwar diversi sitwazzjonijiet ta' inġustizzji li jgħid li kellu jħabbat wiċċu magħhom fix-xogħol tiegħu, u semma persuni li jgħid li riedu jkeċċuh mill-kumpannija, baqa' ma qalx min kienu dawn il-persuni, u jekk dawn il-persuni kellhomx l-awtorità jew kinux f'pożizzjoni li jkeċċuh. L-attur fix-xhieda tiegħu semma ukoll sitwazzjonijiet oħra fejn esponenti tal-kumpannija konvenuta ma mxewx mad-direzzjoni tiegħu, imma ma ressaq l-ebda prova li min-naħa tiegħu kien għamel xi rapport dwar din l-imġiba li jgħid li kissritlu l-moral tiegħu u bdiet taffettwalu saħħtu negattivament. Isemmi episodji li ġraw fis-sena 2006, meta huwa kien għadu saħansitra impjegat mal-kumpannija Hetronic Malta Limited, u episodji oħra li ġraw aktar riċentement, bħall-fatt li hu kien jaħdem f'ambjent ta' storbju, jew f'sitwazzjoni fejn is-sistema tal-arja kundizzjonata bdiet taffettwalu saħħtu negattivament. Iżda minn imkien ma jirriżulta li l-attur qatt ilmenta jew ressaq xi rapport dwar kif dan kollu kien qiegħed jaffettwah negattivament. Ċertament li l-attur ma kienx l-uniku impjegat tal-kumpannija konvenuta li kien intalab jaħdem minn uffiċini partikolari, jew li kien intalab isiefer fit-tul fuq xogħol. Anzi mill-provi jirriżulta li r-rwol tal-attur fil-kumpannija kif ukoll in-natura tax-xogħol tiegħu, kienu jagħmluha impellenti li huwa jqatta' tul ta' żmien jivvjaġġa f'pajjiżi tal-Asja fejn kif inhu magħruf il-prezzijiet tal-materja prima huma ferm orħos mill-Ewropa. Mill-provi jirriżulta wkoll li meta Charles Caruana weġġa' għal xi żmien u talab li ma jintbagħatx

fuq safar fit-tul, il-kumpannija konvenuta kienet tat widen għat-talbiet tiegħu, u aċċettat li dan isiefer biss fl-Ewropa, fejn il-ħinijiet tal-vjaġġi mhumiex daqstant twal. Għaldaqstant il-Qorti m'għandhiex għalfejn taħseb illi li kieku l-attur għarraf lid-diriġenti tal-kumpannija konvenuta li s-safar fit-tul kien qiegħed ikollu impatt negattiv fuq saħħtu, dan ma kienx ser jingħata l-attenzjoni li kienet tixraqlu. L-attur allega li wara dan is-safar hu kien jispiċċa bla saħħa, u kien hemm drabi fejn ma kienx ikun jiflaħ imur għax-xogħol, tant hu hekk li kien jispiċċa jieħu l-*leave* jew is-*sick leave.* Iżda lanqas din l-allegazzjoni ma ġiet ippruvata, stante li mir-*records* esebiti fl-atti tal-kawża jirriżulta b'mod ċar li l-attur ma kienx ifalli mix-xogħol b'mod li jagħti lok li pereżempju jintbagħtlu t-tabib tax-xogħol sabiex jivverifika jekk kienx ma jiflaħx jew le. Barra minn hekk, qabel irtira l-attur kellu tliet mija u sittin (360) siegħa *leave* akkumulat li ħadhom f'kolp wieħed, dan meta ħaddiem normali għandu allokazzjoni ta' madwar mitejn siegħa *leave* fis-sena, li jfisser li l-attur kellu l-*leave* ta' sentejn sħaħ imġemmgħin, mingħajr ma hu ħass il-ħtieġa li jutilizzahom. Il-Qorti tirrileva li anki t-tieni talba tal-attur fir-rigward tal-kumpens għad-danni li hu jippretendi li għandu jitħallas lilu mill-kumpannija konvenuta għandha tiġi miċħuda minħabba li ma jirriżultax li kien hemm xi rabta bejn id-deċiżjoni tal-attur li jieqaf mill-impjieg fl-età ta' wieħed u sittin (61) minflok fl-età ta' tnejn u sittin (62) sena, u xi deċiżjoni jew xi azzjoni li setgħet ittieħdet mill-kumpannija konvenuta Methode Electronics fil-konfront tiegħu. Għall-Qorti jirriżulta b'mod ċar li minkejja li l-attur seta' ħassu urtat jew kien imweġġa' b'xi deċiżjoni li setgħet affettwatu, bħalma wara kollox jiġri lil kull persuna li trid tħabbat wiċċha man-nies fix-xogħol tagħha, madanakollu kien nuqqas kbir tal-attur li m'għarafx iwassal l-ilmenti tiegħu lill-kumpannija Methode Electronics Malta Limited waqt li kien għadu impjegat magħha u fi

żmien meta seta' jsir xi ħaġa sabiex l-ilmenti tiegħu jiġu indirizzati. Minflok l-attur stenna sakemm laħaq l-età tal-irtirar sabiex ressaq talba għall-ħlas tad-danni li huwa jgħid li sofra minħabba li kien kostrett jitlaq mill-impjieg kontra x-xewqa tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li l-attur ma għamilx dak kollu li seta' jagħmel biex ma jispiċċax f'din is-sitwazzjoni, tant hu hekk esponenti tal-kumpannija konvenuta Methode Electronics li xehdu f'din il-kawża, qalu li kienu sorpriżi bl-allegazzjonijiet li għamel l-attur li xi ħadd mill-kumpannija ma mexiex b'mod ġust miegħu. Anki fir-rigward tal-allegazzjonijiet li l-kumpannija konvenuta Methode ma ħolqitx ambjent san li jippermetti lill-ħaddiema tagħha jaħdmu b'serenità, u li meta kien jintbagħat fuq xogħol barra l-pajjiż l-attur kien qiegħed ibati minħabba it-tibdil fil-klima, fl-arja, fil-kultura, fl-ikel, saħħtu kienet qed tiġi affettwata negattivament, ma jirriżultax li l-attur qatt ilmenta b'mod formali jew talab li jitnaqqsulu l-impenji tiegħu barra minn Malta u li tinstab persuna oħra li tkun tista' tassumi ċerti responsabbiltajiet minfloku minħabba dak kollu li kien qiegħed jesperjenza f'saħħtu. Minflok ma għamel dak li kien loġikament mistenni minnu li jagħmel, l-attur stenna li tasal il-ġurnata li jirtira bil-pensjoni tal-età, u wara ta bidu għal dawn il-proċeduri fejn qiegħed jitlob lill-Qorti tillikwida danni li huwa jgħid li sofra meta tilef is-salarju u l-*performance bonus* li kien intitolat għalihom li kieku baqa' jaħdem mal-kumpannija konvenuta.

Jifdal għalhekk li l-Qorti tikkonsidra t-tielet talba tal-attur, liema talba hija indirizzata lill-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited, fejn l-attur qiegħed jippretendi li din għandha tikkumpensah taħt il-polza tal-assikurazzjoni li kien kopert biha bħala impjegat tal-kumpannija Methode Electronics (Malta) Limited peress li huwa jsostni li spiċċa fi stat ta' debilità permanenti totali li konsegwenza tagħha huwa ma setax jibqa' jmur ix-xogħol.

Il-kumpannija HSBC Life Assurance Limited eċċepiet li hija m'għandha l-ebda obbligu ta' kumpens taħt il-polza, għax meta l-attur fetaħ il-*claim* kien diġà irtirat, u għax jirriżultalha li l-attur ma kienx spiċċa mill-impjieg minħabba f'xi debilità permanenti li kien qiegħed isofri minnha, iżda għax kien laħaq l-età tal-irtirar. Inoltre l-kumpannija HSBC Life Assurance (Malta) eċċepiet ukoll li l-kundizzjonijiet li qiegħed jilmenta minnhom l-attur mhumiex koperti mill-polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni, li teskludi problemi ta' natura mentali u mard nevroloġiku mill-kopertura tal-imsemmija polza. Il-Qorti tqis illi mill-kopja tal-polza esebita fl-atti, jirriżulta li din kienet maħsuba biex tkopri tliet tipi ta' sitwazzjonijiet, jiġifieri, f'każ fejn impjegat imut, f'każ fejn ikun hemm diżabilità permanenti totali minħabba mard jew inċident, u f'każ fejn ikun hemm diżabilità permanenti parzjali minħabba inċident. L-attur qiegħed iressaq il-pretensjoni tiegħu għax jikkontendi li l-kundizzjoni li qiegħed ibati minnha, il-*fibromyalgia*, irrendietu totalment diżabbli b'mod permanenti, u għalhekk jikkwalifika għal ħlas taħt din il-polza. L-attur jikkwantifika l-ħlas li huwa dovut lilu taħt il-polza f'ammont ekwivalenti għal tliet darbiet tas-salarju li huwa kellu fiż-żmien meta kien għadu impjegat mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited. Il-Qorti tirrileva illi l-kundizzjonijiet tal-polza li l-kumpannija HSBC Life Assurance (Malta) qiegħda tiċċita in sostenn ta' dak li qiegħda tgħid li l-ebda ħlas minnha mhuwa dovut lill-attur taħt l-imsemmija polza, jgħidu testwalment illi:

> *"No benefit is payable under any of the Supplementary Contracts attached to this policy in the event of bodily injury giving rise to death or disability if such bodily injury is associated with or sustained while or resulting from:*
>
> *(9) Mental, nervous, neurological disorders, epileptic fits and relative ailments."*

Il-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) tikkontendi li ladarba ġie stabbilit li l-kundizzjoni li qiegħed isofri minnha l-attur hija waħda nevroloġika, il-*fibromyalgia*, tapplika għaliha din l-esklużjoni taħt il-polza, u għalhekk il-*claim* tal-attur ma tistax tiġi aċċettata għax il-mard mentali jew mard fis-sistema nervuża ċentrali huwa eskluż taħt l-imsemmija polza. Il-Qorti tirrileva li skont ix-xhieda taż-żewġ konsulenti f'dan il-qasam, il-Professur Andrew Borg u Dr Bernard Coleiro, minkejja li saret ħafna riċerka dwar il-kundizzjoni tal-*fibromyalgia,* għadu mhuwiex stabbilit x'inhu eżattament li jwassal għaliha, jew b'liema mod għandha tiġi kklassifikata din il-marda, jekk hux taħt mard psikosomatiku jew inkella hux taħt mard fiżiku. Għalhekk ikun azzardat li wieħed jipprova jeskludi *a priori* talba li ssir taħt polza tal-assikurazzjoni għax il-*fibromyalgia* tiġi kklassifikata bħala xi tip ta' marda jew oħra. Il-Qorti tirrileva illi f'kamp mediku fejn ir-riċerka għadha qed tiżviluppa, m'għandhiex tkun hi li tikklassifika din il-marda bħala marda psikosomatika jew marda fiżika. L-effetti tal-marda tal-*fibromyalgia* mhumiex limitati biss għal dak li wieħed isofri minnu psikoloġikament jew fiżikament, iżda din għandha firxa ta' sintomi li jdgħajfu severament il-persuna, tant hu hekk Dr Bernard Coleiro stess xehed li fil-fehma tiegħu l-attur qiegħed isofri minn debilità totali ta' mija fil-mija (100%).

Madanakollu il-Qorti tirrileva li kien hemm kundizzjoni oħra fl-imsemmija polza li kellha tiġi sodisfatta, dik li tgħid illi:

> *"The Disability is considered Total when the assured is unable to perform his own occupation or any occupation for which he is reasonably qualified by training, education or experience provided that:*
>
> *(a) The Policy is in force at the date of the assured first becoming disabled;*
> *(b) The first day of disability occurred prior to the attainment of the age of 60 or 61 years as the case may be;*

(c) *The life assured has been disabled and totally unable to follow his normal occupation for a period of six consecutive months."*

Minn qari ta' din il-klawsola jirriżulta li biex persuna tiġi kkunsidrata li qiegħda ssofri minn debilità permanenti li tirrendiha inkapaċi li tibqa' taħdem, irid ikun hemm almenu perijodu ta' sitt xhur fejn il-persuna ma tkunx tista' tkompli fl-impjieg normali li kellha. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ, minkejja d-diversi diffikultajiet li lmenta minnhom l-attur f'din il-kawża, huwa ħassu f'sikktu biżżejjed biex immedjatament wara li ttermina l-impjieg tiegħu minn mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics, kien aċċetta li jibqa' jkun ta' servizz għall-kumpannija konvenuta bħala konsulent, anki jekk skont dak li xehed, għamel dan b'sens ta' dover u b'sens ta' rispett lejn il-kumpannija. Il-fatt li din l-offerta ta' 'xogħol' baqgħet ma mmaterjalizzatx, jirriżulta li dan ma kienx għax l-attur ma baqax f'saħħtu biżżejjed biex jibqa' jaħdem, tant hu hekk kien hemm tal-inqas żewġ istanzi fejn dan kien attenda għal laqgħat fl-uffiċini tal-kumpannija konvenuta. Jirriżulta mill-provi li s-servizzi li kien dispost li jipprovdi l-attur ma kellhomx valur kummerċjali għall-kumpannija konvenuta. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-attur kien bagħat ittra fejn informa lill-konvenuta Methode Electronics Malta li ma setax ikompli jipprovdi servizzi ta' konsulenza. Iżda jibqa' l-fatt li eżattament wara li kien temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà Methode Electronics, l-attur wera r-rieda li jkompli jagħmel l-istess xogħol, tant hu hekk li għal dan ix-xogħol ta' konsulenza huwa qiegħed jippretendi li jitħallas bl-istess rata ta' ħlas daqslikieku baqa' impjegat mal-kumpannija konvenuta, daqslikieku qatt ma rtira mill-impjieg tiegħu. L-attur jgħid li huwa ma xtaqx li jerġa' jerġa' jħabbat wiċċu mal-istess persuni li kienu, skont hu, l-kawża ta' ħafna stress u ansjetà fix-xogħol tiegħu, u kien għalhekk li ma aċċettax li jkun hu l-persuna li taħdem sabiex il-proposti mressqa minnu

jiġu attwati. Inoltre ġie ppruvat li l-attur baqa' jaħdem sal-aħħar ġurnata possibbli, u l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu kkonċidiet mal-ġurnata meta ħareġ fuq *leave* bi ħlas li l-attur kellu akkumulat, u dan il-*leave* spiċċa dakinhar li l-attur għalaq l-età ta' wieħed u sittin (61) sena meta beda jirċievi l-pensjoni tal-età. Ma jirriżultax mill-provi li tul iż-żmien ta' kopertura tal-imsemmija polza, l-attur għamel xi żmien wieqaf mix-xogħol minħabba f'xi diżabilità jew kundizzjoni medika li rrendietu mhux kapaċi li jaħdem, tant hu hekk li l-attur baqa' impjegat sal-aħħar ġurnata sakemm ħareġ bil-pensjoni tal-età. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll it-tielet talba tal-attur, minħabba li ma jirriżultax li l-attur sofra minn debilità permanenti totali li għal perijodu ta' sitt xhur konsekuttivi żammitu milli jkompli bix-xogħol normali tiegħu *ai termini* tal-imsemmija polza.

<u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, ħlief għall-ħames eċċezzjoni minħabba li minn imkien ma jirriżulta li l-attur allega li huwa kien soġġett għal '*constructive dismissal'* jew xi forma oħra ta' tkeċċija minn mal-kumpannija konvenuta;**

2. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited;**

3. **Tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-attur.**

Moqrija.